3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1054 final, tad-9 ta' Frar 2017, li tordna lil Casino kif ukoll lill-kumpanniji kollha direttament jew indirettament ikkontrollati minnha biex jissottomettu ruħhom għal spezzjoni skont l-Artikolu 20(1) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (AT.40466 – Tute 1), hija annullata.

4) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti minn Casino, Guichard-Perrachon SA u minn Achats Marchandises Casino SAS (AMC), relatati kemm mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-proċedura tal-appell.

5) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu relatati kemm mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-proċedura tal-appell.

(1) ĠU C 62, 22.2.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-9 ta' Marzu 2023 – Intermarché Casino Achats vs Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-693/20 P) [1]

(Appell – Kompetizzjoni – Akkordji – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tordna spezzjoni – Rimedji ġudizzjarji kontra l-iżvolġiment tal-ispezzjoni – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal rimedju effettiv – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 19 – Regolament (KE) Nru 773/2004 – Artikolu 3 – Reġistrazzjoni ta' intervisti mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tagħha – Bidu tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni)

(2023/C 155/04)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Intermarché Casino Achats (rappreżentanti: F. Abouzeid, S. Eder, J. Jourdan, C. Mussi u Y. Utzschneider, avocats)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Berghe, A. Cleenewerck de Crayencour, A. Dawes u I. V. Rogalski, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A.-L. Meyer u M. O. Segnana, aġenti)

Dispożittiv

1) Il-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Ottubru 2020, Intermarché Casino Achats vs Il-Kummissjoni (T-254/17, mhux ippubblikat, EU:T:2020:459) huwa annullat

2) Il-punt 3 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Ottubru 2020, Intermarché Casino Achats vs Il-Kummissjoni (T-254/17, mhux ippubblikat, EU:T:2020:459), huwa annullat sa fejn iddeċieda fuq l-ispejjeż.

3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2017) 1056 final, tad-9 ta' Frar 2017, li tordna lil Intermarché Casino Achats kif ukoll lill-kumpanniji kollha direttament jew indirettament ikkontrollati minnha sabiex jissottomettu ruħhom għal spezzjoni konformement mal-Artikolu 20(1) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (AT.40466 – Tute 1), hija annullata.

4) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti minn Intermarché Casino Achats SARL, relatati kemm mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-proċedura tal-appell.

5) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu relatati kemm mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-proċedura tal-appell.

[1] ĠU C 62, 22.2.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-28 ta' Frar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-First-tier Tribunal (Tax Chamber) – ir-Renju Unit) – Fenix International Limited vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

(Kawża C-695/20 [1]**, Fenix International)**

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Setgħa ta' implimentazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 291(2) TFUE – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikoli 28 u 397 – Persuna taxxabbli li taġixxi f'isimha iżda għall-benefiċċju ta' ħaddieħor – Fornitur ta' servizzi b'mod elettroniku – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 – Artikolu 9a – Preżunzjoni – Validità)

(2023/C 155/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Fenix International Limited

Konvenut: Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

Dispożittiv

L-eżami tad-domanda preliminari ma rrileva ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 9a(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1042/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, fid-dawl tal-Artikoli 28 u 397 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017, kif ukoll tal-Artikolu 291(2) TFUE.

([1]) ĠU C 110, 29.03.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – Eurocostruzioni Srl vs Regione Calabria

(Kawża C-31/21 ([1]), Eurocostruzioni)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Fondi strutturali – Regolament (KE) Nru 1685/2000 – Eliġibbiltà tal-ispejjeż – Obbligu ta' prova ta' ħlas – Fatturi mħallsa – Dokumenti ta' kontabbiltà ta' valur probatorju ekwivalenti – Kostruzzjoni mwettqa direttament mill-benefiċjarju finali)

(2023/C 155/06)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte suprema di cassazione

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Eurocostruzioni Srl

Konvenut: Regione Calabria

Dispożittiv

1) Il-punt 2.1 tar-Regola Nru 1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/2000 tat-28 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 f'dak li għandu x'jaqsam mal-eliġibbiltà tal-infiq ta' operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fondi Strutturali, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2004 tal-10 ta' Marzu 2004,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   ma jippermettix li benefiċjarju finali ta' finanzjament għall-kostruzzjoni ta' binja, li bniha permezz ta' mezzi tiegħu stess, jiġġustifika l-ispejjeż sostnuti billi jipproduċi dokumenti oħra għajr dawk espliċitament imsemmija minn din id-dispożizzjoni.

2) Il-punt 2.1 tar-Regola Nru 1 tal-Anness tar-Regolament Nru 1685/2000, kif emendat bir-Regolament Nru 448/2004,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

f'dak li jirrigwarda benefiċjarju finali ta' finanzjament għall-kostruzzjoni ta' binja, li bniha permezz ta' mezzi tiegħu stess, pjan tax-xogħlijiet u reġistru tal-kontabbiltà jistgħu jiġu kkwalifikati bħala "dokumenti ta' kontabbiltà ta' valur probatorju ekwivalenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, biss jekk, fid-dawl tal-kontenut konkret tagħhom u tar-regoli nazzjonali rilevanti, dawn id-dokumenti jistgħu jippruvaw l-effettività tal-ispejjeż sostnuti mill-imsemmi benefiċjarju finali, billi jagħtu stampa fidila u preċiża tal-imsemmija spejjeż.

---

(1) ĠU C 98, 22.03.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Marzu 2023 – L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija vs Aquind Ltd

(Kawża C-46/21 P) (1)

(Appell – Enerġija – Regolament (KE) Nru 714/2009 – Artikolu 17 – Talba għal eżenzjoni dwar interkonnessjoni tal-elettriku – Deċiżjoni ta' rifjut tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) – Regolament (KE) Nru 713/2009 – Artikolu 19 – Bord tal-Appell tal-ACER – Intensità tal-istħarriġ)

(2023/C 155/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (rappreżentanti: P. Martinet u E. Tremmel, aġenti, assistiti minn de B. Creve, advokat)

Parti oħra fil-proċedura: Aquind Ltd (rappreżentanti: J. Bille, C. Davis, S. Goldberg u E. White, solicitors)

Dispożittiv

1) L-appell prinċipali huwa miċħud.

2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar l-appell inċidentali.

3) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha relatati mal-appell prinċipali, dawk sostnuti minn Aquind Ltd.

4) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija u Aquind Ltd għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mal-appell inċidentali.

---

(1) ĠU C 98, tat-22.3.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal- Administratīvā apgabaltiesa – il-Latvja) – AS "PrivatBank", A, B, Unimain Holdings Limited vs Finanšu un kapitāla tirgus komisija

(Kawża C-78/21 (1)**, PrivatBank *et*)**

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikoli 56 u 63 TFUE – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Moviment liberu tal-kapital – Miżura nazzjonali li tobbliga lil istituzzjoni ta' kreditu ttemm ir-relazzjonijiet ta' negozju jew li ma tibqax tidħol f'tali relazzjonijiet ma' persuni mhux ċittadini – Restrizzjoni – Artikolu 65(1)(b) TFUE – Ġustifikazzjoni – Direttiva (UE) 2015/849 – Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu – Proporzjonalità)

(2023/C 155/08)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Administratīvā apgabaltiesa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: AS "PrivatBank", A, B, Unimain Holdings Limited

Konvenut: Finanšu un kapitāla tirgus komisija

Dispożittiv

1) Is-self u l-krediti finanzjarji kif ukoll it-tranżazzjonijiet f'kontijiet kurrenti u depożiti fl-istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet ta' kreditu, jikkostitwixxu movimenti tal-kapital, fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE.

2) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 63(1) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li miżura amministrattiva li permezz tagħha l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, minn naħa, tipprojbixxi lil istituzzjoni ta' kreditu milli tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju ma' kull persuna fiżika jew ġuridika li ma għandhiex rabta mal-Istat Membru li fuqu hija stabbilita din l-istituzzjoni u li l-movimenti ta' kreditu mensili tagħha jeċċedu ċertu ammont kif ukoll, min-naħa l-oħra, timponi fuq l-imsemmija istituzzjoni li ttemm tali relazzjonijiet ta' negozju meta jkunu ġew stabbiliti wara l-adozzjoni ta' din il-miżura tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fis-sens tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, kif ukoll restrizzjoni fuq il-movimenti ta' kapital, fis-sens tat-tieni tal-imsemmija dispożizzjonijiet.

3) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 TFUE u l-Artikolu 63(1) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux miżura amministrattiva li permezz tagħha l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, minn naħa, tipprojbixxi lil istituzzjoni ta' kreditu milli tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju ma' kull persuna fiżika li ma għandhiex rabta mal-Istat Membru li fuqu hija stabbilita din l-istituzzjoni u li l-movimenti ta' kreditu mensili tagħhom jaqbżu l-EUR 15 000, jew ma' kull persuna ġuridika li l-attività ekonomika tagħha ma għandha l-ebda rabta ma' dan l-Istat Membru u li l-movimenti ta' kreditu mensili tagħha jaqbżu l-EUR 50 000, kif ukoll, min-naħa l-oħra, timponi fuq l-imsemmi istituzzjoni li ttemm tali relazzjonijiet ta' negozju meta jkunu ġew stabbiliti bdew wara l-adozzjoni ta' din il-miżura, sakemm din il-miżura amministrattiva, l-ewwel, tkun iġġustifikata mill-għan li jiġi evitat il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jew bħala miżura essenzjali mmirata lejn in-nuqqas tal-ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti nazzjonali dwar il-kontroll prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji jew ukoll bħala miżura iġġustifikata għal raġunijiet relatati mal-ordni pubbliku, imsemmija fl-Artikolu 65(1)(b) TFUE, it-tieni, hija xierqa sabiex tiżgura l-kisba ta' dawn l-għanijiet, it-tielet, ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dawn jintlaħqu u, ir-raba', ma tiksirx b'mod eċċessiv id-drittijiet u interessi protetti konformement ma' dawn l-Artikoli 56 u 63 TFUE, li minnhom jibbenefikaw l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata u l-klijenti tagħha.

(1) ĠU C 138, 19.4.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-9 ta' Marzu 2023 – Plastics Europe vs L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Ir-Repubblika Franċiża, ClientEarth

(Kawża C-119/21 P) (1)

(Appell – Stabbiliment ta' lista tas-sustanzi suġġetti għal awtorizzazzjoni – Regolament (KE) Nru 1907/2006 – Anness XIV – Lista ta' sustanzi identifikati għall-finijiet li jiġu eventwalment inklużi fl-Anness XIV – Aġġornament tal-inklużjoni tas-sustanza bisfenol A bħala "sustanza ta' tħassib serju ħafna")

(2023/C 155/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Plastics Europe (rappreżentanti: R. Cana u E. Mullier, avocats)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: W. Broere u A. Hautamäki, aġenti, assistit minn S. Raes, advocaat), Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: inizjalment minn J. Möller u D. Klebs, aġenti, sussegwentement minn J. Möller, aġent), Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. Bain u T. Stéhelin, aġenti), ClientEarth (rappreżentant: P. Kirch, avocat)

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) PlasticsEurope AISBL hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u ClientEarth.

3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(1) ĠU C 163, 3.5.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Högsta domstolen – l-Isvezja) – Norra Stockholm Bygg AB vs Per Nycander AB

(Kawża C-268/21 [1], Norra Stockholm Bygg)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 6(3) u (4) – Legalità tat-trattament – Produzzjoni ta' dokument li jinkludi data personali fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja ċivili – Artikolu 23(1)(f) u (j) – Protezzjoni tal-indipendenza tal-ġustizzja u tal-proċeduri ġudizzjarji – Eżekuzzjoni ta' talbiet irregolati mid-dritt ċivili – Rekwiżiti li għandhom jiġu osservati – Teħid inkunsiderazzjoni tal-interess tas-suġġetti tad-data – Ponderazzjoni tal-interessi kunfliġġenti preżenti – Artikolu 5 – Minimizzazzjoni tad-data personali – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 7 – Dritt għar-rispett tal-ħajja privata – Artikolu 8 – Dritt għall-protezzjoni tad-data personali – Artikolu 47 – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Prinċipju ta' proporzjonalità)

(2023/C 155/10)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Högsta domstolen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Norra Stockholm Bygg AB

Konvenut: Per Nycander AB

fil-preżenza ta': Entral AB

Dispożittiv

1) L-Artikolu 6(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data),

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   din id-dispożizzjoni tapplika, fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja ċivili, għall-produzzjoni bħala prova ta' reġistru tal-persunal li jinkludi data personali ta' terzi persuni miġbura prinċipalment għall-finijiet ta' kontroll fiskali.

2) L-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament 2016/679

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   meta ssir il-ponderazzjoni tal-punt dwar jekk għandhiex tiġi ordnata l-produzzjoni ta' dokument li jinkludi data personali, il-qorti nazzjonali għandha l-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi tas-suġġetti tad-data u tevalwahom skont iċ-ċirkustanzi ta' kull każ, tat-tip ta' proċedura inkwistjoni u billi tieħu debitament inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll, b'mod partikolari, minn dawk li jirriżultaw mill-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 5(1)(c) ta' dan ir-regolament.

(1) ĠU C 252, 28.06.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tat-2 ta’ Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein hallinto-oikeus – il-Finlandja) – A

(Kawża C-270/21 [1], A (Għalliem tal-kindergarten))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-ħaddiema – Rikonoxximent fi Stat Membru ta’ kwalifiki professjonali – Direttiva 2005/36/KE – Dritt li tiġi eżerċitata l-professjoni ta’ għalliema tal-kindergarten – Professjoni rregolata – Dritt ta’ aċċess għall-professjoni abbażi ta’ diploma maħruġa fl-Istat Membru ta’ oriġini – Kwalifika professjonali miksuba f’pajjiż terz)

(2023/C 155/11)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: A

Fil-preżenza ta’: Opetushallitus

Dispożittiv

1) L-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta’ Kwalifiki Professjonali, kif emendat bid-Direttiva 2013/55 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta’ Novembru 2013,

   għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li:

   ma titqiesx bħala “professjoni rregolata”, fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni, professjoni li għaliha l-leġiżlazzjoni nazzjonali tirrikjedi kundizzjonijiet ta’ kompetenza sabiex taċċedi għaliha u teżerċitaha iżda thalli lill-persuni li jimpjegaw setgħa diskrezzjonali sabiex jevalwaw jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfatti.

2) L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2005/36, kif emendat bid-Direttiva 2013/55,

   għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li:

   din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli fil-każ fejn il-prova ta’ kwalifiki formali ppreżentata lill-Istat Membru ospitanti nkisbet fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor fi żmien meta dan l-Istat Membru kien jeżisti, mhux bħala Stat indipendenti, iżda bħala Repubblika Soċjalista Sovjetika, u fejn din il-prova ta’ kwalifiki formali ġiet assimilata mill-imsemmi Stat Membru għal prova ta’ kwalifiki formali maħruġa f’dan tal-aħħar wara li sar indipendenti mill-ġdid. Tali prova ta’ kwalifiki formali għandha titqies li nkisbet fi Stat Membru u mhux f’pajjiż terz.

[1] ĠU C 263, 5.7.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas – il-Litwanja) – R.J.R. vs Registrų centras VĮ

(Kawża C-354/21 [1], Registrų centras)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni – Regolament (UE) Nru 650/2012 – Artikolu 1(2)(l) – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 68 – Kontenut taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni – Artikolu 69(5) – Effetti taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni – Proprjetà immobbli tas-suċċessjoni li tinstab fi Stat Membru li ma huwiex dak tas-suċċessjoni – Reġistrazzjoni ta' din il-proprjetà immobbli fir-Reġistru tal-Artijiet ta' dan l-Istat Membru – Rekwiżiti legali relatati ma din ir-reġistrazzjoni previsti mid-dritt tal-imsemmi Stat Membru – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1329/2014 – Natura obbligatorja tal-Formola V li tinstab fl-Anness 5 ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni)

(2023/C 155/12)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: R.J.R.

Konvenut: Registrų centras VĮ

Dispożittiv

L-Artikolu 1(2)(l), l-Artikolu 68(l) u l-Artikolu 69(5) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' proprjetà immobbli fir-Reġistru tal-Artijiet ta' dan l-Istat Membru tista' tiġi miċħuda meta l-uniku dokument ippreżentat insostenn ta' din l-applikazzjoni huwa Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni li ma jidentifikax din il-proprjetà immobbli.

[1] ĠU C 349, 30.08.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tieni Awla) tad-9 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Varhoven administrativen sad – il-Bulgarija) – Sdruzhenie "Za Zemyata – dostap do pravosadie", "The Green Tank – grazhdansko sdruzhenie s nestopanska tsel" – ir-Repubblika Ellenika, NS vs Izpalnitelen director na Izpalnitelna agentsia po okolna sreda, "TETS Maritsa iztok 2" EAD

(Kawża C-375/21, Sdruzhenie "Za Zemyata – dostap do pravosadie" *et*) [1]

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Kwalità tal-arja ambjentali – Direttiva 2008/50/KE – Artikoli 13 u 23 – Valuri limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem – Qbiż – Pjan dwar il-kwalità tal-arja – Direttiva 2010/75/UE – Prevenzjoni u tnaqqis integrati tat-tniġġis – Aġġornament ta' awtorizzazzjoni għall-operat ta' impjant termiku – Valur ta' limitu tal-emissjonijiet – Artikolu 15(4) – Talba għal deroga li tistabbilixxi valuri limitu ta' emissjoni inqas stretti – Tniġġis sinjifikattiv – Artikolu 18 – Osservanza tal-istandards ta' kwalità ambjentali – Obbligi tal-awtorità kompetenti)

(2023/C 155/13)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Varhoven administrativen sad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Sdruzhenie "Za Zemyata – dostap do pravosadie", "The Green Tank – grazhdansko sdruzhenie s nestopanska tsel" – ir-Repubblika Ellenika, NS

Konvenuti: Izpalnitelen director na Izpalnitelna agentsia po okolna sreda, "TETS Maritsa iztok 2" EAD

Dispożittiv

L-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal 24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) moqri flimkien mal-Artikolu 18 tagħha, kif ukoll mal-Artikoli 13 u 23 tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal 21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

waqt l-eżami ta' applikazzjoni għal deroga skont dan l-Artikolu 15(4), l-awtorità kompetenti għandha, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni d-data xjentifika rilevanti kollha dwar it-tniġġis, inkluż l-effett kumulattiv ma' sorsi oħra ta' sustanza li tniġġes inkwistjoni, kif ukoll il-miżuri previsti fil-pjan rilevanti dwar il-kwalità tal-arja mfassla għaż-żona jew l-agglomerazzjoni kkonċernata skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/50, tirrifjuta tali deroga meta tista' tikkontribwixxi biex jinqabżu l-istandards ta' kwalità tal-arja ddefiniti taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/50 jew li jiksru l-miżuri li jinsabu f'dan il-pjan immirati biex jassiguraw konformità ma' dawn l-istandards u jillimitaw il-perijodu biex jinqabżuhom għal perijodu qasir kemm jista' jkun.

[1] ĠU C 401, 04.10.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Bucureşti – Ir-Rumanija) – Bursa Română de Mărfuri SA vs Autoritatea Națională de Reglementare în domeniul Energiei i (ANRE)

(Kawża C-394/21 ([1]), Bursa Română de Mărfuri)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern tal-elettriku – Direttiva 2009/72/KE – Regolament (UE) 2019/943 – Artikolu 1(b) u (c) kif ukoll l-Artikolu 3 – Prinċipji dwar il-funzjonament tas-swieq tal-elettriku – Regolament (UE) 2015/1222 – Artikolu 5(1) – Operatur innominat tas-suq tal-elettriku – Monopolju nazzjonali legali għas-servizzi ta' kummerċ ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi monopolju tal-innegozjar bl-ingrossa tal-elettriku għal żmien qasir, għal żmien medju u fit-tul)

(2023/C 155/14)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Bucureşti

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Bursa Română de Mărfuri SA

Konvenut: Autoritatea Națională de Reglementare în domeniul Energiei (ANRE)

fil-preżenza ta': Federația Europeană a Comercianților de Energie

Dispożittiv

Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku, b'mod partikolari l-Artikolu 1(b) u (c), il-punt 40 tal-Artikolu 2 kif ukoll l-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, moqri fid-dawl tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda [thassar] d-Direttiva 2003/54/KE

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha jinżamm monopolju nazzjonali legali tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tal-offerti ta' bejgħ u ta' xiri ta' elettriku li jikkonċerna s-swieq bl-ingrossa ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata, sakemm dan il-monopolju kien diġà jeżisti f'dan l-Istat Membru fil-mument tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linja Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni, skont l-Artikolu 5 ta' dan;

— ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha jinżamm monopolju nazzjonali legali tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tal-offerti ta' bejgħ u ta' xiri ta' elettriku li jikkonċerna s-suq bl-ingrossa futur, u l-konformità ta' tali leġiżlazzjoni mad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt primarju ta' dan.

([1]) ĠU C 191, 10.5.2022.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Hof van Cassatie – il-Belġju) – proċeduri kriminali kontra FU, DRV Intertrans BV (C-410/21), u Verbraeken J. en Zonen BV, PN (C-661/21)

(Kawżi magħquda C-410/21 u C-661/21 [1]**, DRV Intertrans *et*)**

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ħaddiema migranti – Sigurtà soċjali – Leġiżlazzjoni applikabbli – Regolament (KE) Nru 987/2009 – Artikolu 5 – Ċertifikat A 1 – Irtirar proviżorju – Effett vinkolanti – Ċertifikat miksub jew użat b'mod frawdolenti – Regolament (KE) Nru 883/2004 – Artikolu 13(1)(b)(i) – Persuni li normalment iwettqu attività bħala persuna impjegata f'żewġ Stati Membri jew iktar – Applikabbiltà tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tas-sede tal-kumpannija – Kunċett ta' "sede" – Impriża li tkun kisbet liċenzja Komunitarja ta' trasport bis-saħħa tar-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009 u (KE) Nru 1072/2009 – Effett – Liċenzja miksuba jew użata b'mod frawdolenti)

(2023/C 155/15)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van Cassatie

Parti fil-proċedura kriminali prinċipali

FU, DRV Intertrans BV (C-410/21), u Verbraeken J. en Zonen BV, PN (C-661/21)

Dispożittiv

1) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   ċertifikat A 1 maħruġ minn istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru jorbot lill-istituzzjonijiet u lill-qrati ta' Stat Membru fejn isir ix-xogħol, inkluż meta, wara li ssir talba sabiex dan iċ-ċertifikat jiġi eżaminat mill-ġdid u rtirat, indirizzata mill-istituzzjoni kompetenti ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar lill-istituzzjoni li tkun ħarġet iċ-ċertifikat, din tal-aħħar tkun issospendiet provviżorjament l-effetti vinkolanti ta' dan iċ-ċertifikat sakemm tiddeċiedi b'mod definittiv dwar din it-talba. Madankollu, f'tali ċirkustanzi, qorti tal-Istat Membru li fih isir ix-xogħol, adita fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra persuni ssuspettati li kisbu jew użaw l-istess ċertifikat A 1 b'mod frawdolenti, tista' tikkonstata l-eżistenza ta' frodi u konsegwentement, għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri kriminali, tinjora dan iċ-ċertifikat, sakemm, minn naħa, ikun skada terminu raġonevoli mingħajr ma l-istituzzjoni li ħarġet iċ-ċertifikat tkun wettqet eżami mill-ġdid tal-fondatezza tal-ħruġ ta' dan l-istess ċertifikat u tkun ħadet pożizzjoni dwar il-provi konkreti ppreżentati mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti li jissuġġerixxu li l-imsemmi ċertifikat inkiseb jew intuża b'mod frawdolenti, permezz tal-annullament jew tal-irtirar, skont il-każ, taċ-ċertifikat inkwistjoni, u, min-naħa l-oħra, ikunu osservati l-garanziji inerenti għad-dritt għal smigħ xieraq li għandhom jingħataw lil dawn il-persuni.

2) L-Artikolu 13(1)(b)(i) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, kif emendata bir-Regolament Nru 465/2012, moqri fid-dawl tal-Artikolu 3(1)(a) u tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE, kif ukoll l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-fatt li kumpannija jkollha liċenzja Komunitarja ta’ trasport bit-triq maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru ma jikkostitwixxix, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tas-sigurtà soċjali applikabbli skont l-Artikolu 13(1)(b)(i) tar-Regolament Nru 883/2004 kif emendat bir-Regolament Nru 465/2012, prova inkonfutabbli tas-sede ta’ din il-kumpannija f’dan l-Istat Membru.

(1) ĠU C-391, 27.9.2021.
ĠU C 84, 21.2.2022.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-2 ta’ Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja

(Kawża C-432/21) [1]

(Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 92/43/KEE – Konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa – Artikolu 6(1) sa (3), Artikolu 12(1)(a) sa (d), Artikolu 13(1)(a) u Artikolu 16(1) – Direttiva 2009/147/KE – Konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi – Artikolu 4(1), Artikolu 5(a), (b) u (d) u Artikolu 9(1) – Ġestjoni tal-foresti fuq il-bażi ta’ prattika tajba – Pjanijiet ta’ ġestjoni tal-foresti – Konvenzjoni ta’ Aarhus – Aċċess għall-ġustizzja – Artikolu 6(1)(b) u Artikolu 9(2) – Eżami tal-legalità, kemm fil-mertu u kemm minn aspett proċedurali, tal-pjanijiet ta’ ġestjoni tal-foresti – Dritt għal azzjoni legali tal-organizzazzjonijiet għall-konservazzjoni tal-ambjent)

(2023/C 155/16)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Brauhoff, G. Gattinara, C. Hermes u D. Milanowska, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġent)

Dispożittiv

1) Billi adottat l-Artikolu 14b(3) tal-ustawa o lasach (il-Liġi dwar il-Foresti), tat-28 ta’ Settembru 1991, kif emendata bl-ustawa o zmianie ustawy o ochronie przyrody oraz ustawy o lasach (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar il-Protezzjoni tan-Natura u l-Liġi dwar il-Foresti), tas-16 ta’ Diċembru 2016, li jipprevedi li l-ġestjoni tal-foresti eżegwita konformement mar-rekwiżiti ta’ prattika tajba fil-qasam ta’ ġestjoni tal-foresti ma tiksirx id-dispożizzjonijiet dwar il-konservazzjoni ta’ riżorsi, ta’ formazzjonijiet u ta’ komponenti naturali partikolari, b’mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 51 u 52 tal-ustawa o ochronie przyrody (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tan-Natura), tas-16 ta’ April 2004, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(1) u (2), l-Artikolu 12(1), l-Artikolu 13(1)(a) u l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE tal-21 ta’ Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta’ l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE tat-13 ta’ Mejju 2013, kif ukoll taħt l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 5(a), (b) u (d) u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, kif emendata bid-Direttiva 2013/17.

2) Billi naqset milli tadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi kollha neċessarji sabiex tiżgura li l-organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent jkollhom il-possibbiltà li jressqu azzjoni quddiem qorti intiża għal eżaminazzjoni effettiva tal-legalità, kemm fil-mertu u kemm minn aspett proċedurali, tal-pjanijiet ta’ ġestjoni tal-foresti, fis-sens tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Foresti, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43, kif emendata bid-Direttiva 2013/17, moqri flimkien mal-Artikolu 6(1)(b) u mal-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta’ deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f’Aarhus fil-25 ta’ Ġunju 1998 u approvata f’isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta’ Frar 2005.

3) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 452, 08.11.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Miskolci Törvényszék – l-Ungerija) – IH vs MÁV-START Vasúti Személyszállító Zrt.

(Kawża C-477/21 [1], MÁV-START)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema – Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol – Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Direttiva 2003/88/CE – Artikoli 3 u 5 – Serħan ta' kuljum u serħan ta' kull ġimgħa – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi perijodu ta' serħan ta' kull ġimgħa minimu ta' tnejn u erbgħin siegħa – Obbligu li jingħata s-serħan ta' kuljum – Metodi ta' għoti)

(2023/C 155/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Miskolci Törvényszék

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: IH

Konvenut: MÁV-START Vasúti Személyszállító Zrt.

Dispożittiv

1) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, moqri fid-dawl tal-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   is-serħan ta' kuljum previst fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva ma jifformax parti mill-perijodu ta' serħan ta' kull ġimgħa previst fl-imsemmi Artikolu 5, iżda jiżdied miegħu.

2) L-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 2003/88, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   meta leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi perijodu ta' serħan ta' kull ġimgħa li jaqbeż il-perijodu ta' ħamsa u tletin siegħa konsekuttiva, hemm lok li l-ħaddiem jingħata, minbarra dan il-perijodu, is-serħan ta' kuljum hekk kif huwa ggarantit mill-Artikolu 3 ta' din id-direttiva.

3) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/88, moqri fid-dawl tal-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   meta ħaddiem jingħata perijodu ta' serħan ta' kull ġimgħa, dan għandu wkoll id-dritt li jibbenefika minn perijodu ta' serħan ta' kuljum li jiġi qabel l-imsemmi perijodu ta' serħan ta' kull ġimgħa.

(1) ĠU C 471, 22.11.2021

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) RWE Power Aktiengesellschaft vs Hauptzollamt Duisburg

(Kawża C-571/21 [1], RWE Power)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku – Direttiva 2003/96/KE – Artikolu 14(1)(a) – It-tieni u t-tielet sentenza tal-Artikolu 21(3) – Elettriku użat għall-produzzjoni tal-elettriku u sabiex tinżamm il-kapaċità ta' produzzjoni tal-elettriku – Eżenzjoni – Portata – Minjieri miftuħa – Elettriku użat għall-finijiet tal-operat ta' tankijiet tal-fjuwil u tal-mezzi tat-trasport)

(2023/C 155/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: RWE Power Aktiengesellschaft

Konvenut: Hauptzollamt Duisburg

Dispożittiv

1) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, moqrija flimkien mat-tieni sentenza tal-Artikolu 21(3) ta' din id-direttiva,

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

l-eżenzjoni mit-tassazzjoni tal-"elettriku użat għall-produzzjoni tal-elettriku", prevista f'din id-dispożizzjoni ma tkoprix l-elettriku użat fil-kuntest tal-estrazzjoni ta' prodott tal-enerġija, bħal-linjite, f'minjiera miftuħa, kemm-il darba dan l-elettriku ma jintużax fil-kuntest tal-proċess teknoloġiku ta' produzzjoni ta' elettriku, iżda għall-manifattura ta' prodott tal-enerġija. Min-naħa l-oħra, din l-eżenzjoni tista' tkopri t-trasformazzjoni kif ukoll l-ipproċessar sussegwenti ta' dan il-prodott tal-enerġija f'impjanti tal-enerġija għall-finijiet tal-produzzjoni tal-elettriku, dejjem sakemm dawn l-operazzjonijiet ikunu indispensabbli u jikkontribwixxi direttament għall-proċess teknoloġiku ta' din il-produzzjoni

2) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2003/96,

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

l-eżenzjoni mit-tassazzjoni tal-"elettriku użat sabiex tinżamm il-kapaċità ta' produzzjoni tal-elettriku", prevista f'din id-dispożizzjoni, tista' tkopri l-elettriku intiż għall-funzjonament ta' installazzjonijiet ta' ħażna ta' prodott tal-enerġija, bħal-linjite, u ta' mezzi tat-trasport li jippermettu li dan il-prodott jitwassal, meta dawn l-operazzjonijiet iseħħu ġewwa impjanti tal-enerġija, dejjem sakemm dawn ikunu indispensabbli u jikkontribwixxi direttament għaż-żamma tal-kapaċità tal-proċess teknoloġiku ta' produzzjoni ta' elettriku, sa fejn tali operazzjonijiet huma meħtieġa sabiex tiġi ggarantita ż-żamma tal-kapaċità ta' produzzjoni mingħajr interruzzjoni tal-elettriku.

[1] ĠU C 490, 06.12.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-9 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Administrativo e Fiscal de Braga – Il-Portugall) – Vapo Atlantic SA vs Entidade Nacional para o Setor Energético E.P.E (ENSE)

(Kawża C-604/2 [1], Vapo Atlantic)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informazzjoni – Direttiva 98/34/KE – Il-punt 4 tal-Artikolu 1 – Kunċett ta' "ħtiġiet oħra" – Il-punt 11 tal-Artikolu 1 – Kunċett ta' "regolament tekniku" – Artikolu 8(1) – Obbligu tal-Istati Membri li jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea kull abbozz ta' regola teknika – Dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi l-inkorporazzjoni ta' ċertu perċentwali ta' bijokarburanti fil-karburanti tat-trasport fit-toroq – It-tielet inċiż tal-Artikolu 10(1) – Kunċett ta' "klawżola ta' salvagwardja prevista f'att vinkolanti tal-Unjoni" – Nuqqas ta' inklużjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2009/30/KE)

(2023/C 155/19)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Administrativo u Fiscal de Braga

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Vapo Atlantic SA

Konvenut: Entidade Nacional para o Setor Energetico E.P.E (ENSE)

fil-preżenza ta': Fundo Ambiental, Fundo de Eficiência Energética (FEE),

Dispożittiv

1) Il-punt 4 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informatika kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE tal-20 ta' Novembru 2006,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi għan marbut mal-inkorporazzjoni ta' 10 % ta' bijokarburanti għall-karburanti tat-trasport fit-toroq irrilaxxati għall-konsum minn operatur ekonomiku għal sena partikolari taqa' taħt il-kunċett ta' "ħtiġiet oħra", fis-sens tal-punt 4 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34, u tikkostitwixxi b'hekk "regolament tekniku", fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34, kif emendata, liema regolament jista' jiġi infurzat għall-individwi biss jekk l-abbozz tagħha jiġi nnotifikat konformement mal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 98/34, kif emendata.

2) L-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 83/189, kif emendata bid-Direttiva 2006/96,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

leġiżlazzjoni nazzjonali li hija intiża li tittrasponi l-Artikolu 7a(2) tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE, kif emendata bid-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009, b'mod konformi mal-għan li jinsab fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE ma tistax tikkostitwixxi sempliċi traspożizzjoni sħiħa ta' standard Ewropew fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 98/34, kif emendata, u, għaldaqstant, li tevita l-obbligu ta' notifika previst minn din id-dispożizzjoni.

3) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2009/30/KE

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

din id-dispożizzjoni ma tikkostitwixxix klawżola ta' salvagwardja prevista f'att vinkolanti tal-Unjoni, fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 98/34, kif emendata bid-Direttiva 2006/96.

(1) ĠU C 11, 10.1.2022.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Vrhovno sodišče Republike Slovenije – is-Slovenja) –Nec Plus Ultra Cosmetics AG vs Ir-Repubblika tas-Slovenja

(Kawża C-664/21 (1), Nec Plus Ultra Cosmetics AG)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 138(1) – Eżenzjonijiet marbuta mat-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji – Kunsinni ta' oġġetti – Prinċipji ta' newtralità fiskali, ta' effettività u ta' proporzjonalità – Rekwiżiti sostantivi ssodisfatti – Terminu għall-preżentata tal-provi)

(2023/C 155/20)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Qorti tar-rinviju

Vrhovno sodišče Republike Slovenije

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Nec Plus Ultra Cosmetics AG

Konvenut: Ir-Repubblika tas-Slovenja

Dispożittiv

L-Artikolu 131 u l-Artikolu 138(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud moqrija flimkien mal-prinċipji ta' newtralità fiskali, ta' effettività u ta' proporzjonalità,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-produzzjoni u l-ġbir ta' provi ġodda li jistabbilixxu li l-kundizzjonijiet sostantivi previsti fl-Artikolu 138(1) ta' din id-direttiva huma ssodisfatti, matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tat-taxxa, b'mod partikolari wara l-operazzjonijiet tal-kontroll fiskali iżda qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, sakemm il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività jkunu osservati.

(1) ĠU C 64, 7.2.2022.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hovrätten för Nedre Norrland – l-Isvezja) – AI vs Åklagarmyndigheten

(Kawża C-666/21 (1), Åklagarmyndigheten)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bit-triq – Regolament (KE) Nru 561/2006 – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 2(1)(a) – Artikolu 3(h) – Kunċett ta' "trasport bit-triq ta' merkanzija" – Kunċett ta' "massa massima awtorizzata" – Vettura attrezzata bħala spazju privat ta' abitazzjoni temporanja u ta' tagħbija ta' merkanzija għal finijiet mhux kummerċjali – Regolament (UE) Nru 165/2014 – Takografi – Artikolu 23(1) – Obbligu ta' spezzjonijiet regolari mwettqa minn garaxxijiet awtorizzati)

(2023/C 155/21)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Hovrätten för Nedre Norrland

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: AI

Konvenut: Åklagarmyndigheten

Dispożittiv

L-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014, moqri flimkien mal-Artikolu 3 (h) tar-Regolament Nru 561/2006, kif emendat,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-kunċett ta' "trasport bit-triq ta' merkanzija", fis-sens ta' din l-ewwel dispożizzjoni, ikopri t-trasport bit-triq imwettaq minn vettura li l-massa massima awtorizzata tagħha, fis-sens tal-Artikolu 4(m) tar-Regolament Nru 561/2006, teċċedi s-7,5 tunnellati, inkluż meta tkun attrezzata sabiex isservi bħala spazju mhux biss ta' abitazzjoni privata temporanja, iżda wkoll ta' tagħbija ta' merkanzija għal finijiet mhux kummerċjali, mingħajr ma l-kapaċità ta' tagħbija ta' din il-vettura u l-kategorija li taqa' taħtha skont ir-reġistru nazzjonali tat-traffiku stradali ma jkunu rilevanti f'dan ir-rigward.

(1) ĠU C 24, 17.01.2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tmien Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' l'Oberlandesgericht Düssel- il-Ġermanja) – Papierfabriek Doetinchem B.V. vs Sprick GmbH Bielefelder Papier- und Wellpappenwerk & Co.

(Kawża C-684/21, Papierfabriek Doetinchem) (1)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proprjetà intellettwali – Disinni Komunitarji – Regolament (KE) Nru 6/2002 – Artikolu 8(1) – Karatteristiċi tad-dehra ta' prodott esklużivament iddettati mill-funzjoni teknika tiegħu – Kriterji ta' evalwazzjoni – Eżistenza ta' disinni alternattivi – Proprjetarju li għandu wkoll diversi disinni alternattivi protetti – Polikromija ta' prodott li ma hijiex riflessa fir-reġistrazzjoni tad-disinn ikkonċernat)

(2023/C 155/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Papierfabriek Doetinchem B.V.

Konvenut: Sprick GmbH Bielefelder Papier- und Wellpappenwerk & Co.

Dispożittiv

1) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-evalwazzjoni tal-punt dwar jekk karatteristiċi tad-dehra ta' prodott humiex esklużivament iddettati mill-funzjoni teknika tiegħu, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandha ssir fid-dawl taċ-ċirkustanzi oġġettivi kollha rilevanti tal-każ inkwistjoni, b'mod partikolari ta' dawk li jidderiġu l-għażla ta' dawn il-karatteristiċi, tal-eżistenza ta' disinni alternattivi li jippermettu li titwettaq din il-funzjoni teknika u minħabba l-fatt li l-proprjetarju tad-disinn ikkonċernat huwa wkoll il-proprjetarju ta' reġistrazzjonijiet għal numru kbir ta' disinni alternattivi, dan tal-aħħar ma jkunx, madankollu, determinanti għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

2) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002

għandu jiġi interpretat fis-sens li,

fil-kuntest tal-eżami tal-kwistjoni dwar jekk id-dehra ta' prodott hijiex esklużivament imposta mill-funzjoni teknika tiegħu, il-fatt li d-disinn ta' dan il-prodott jippermetti polikromija ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni meta din tal-aħħar ma tirriżultax mir-reġistrazzjoni tad-disinn ikkonċernat.

(1) ĠU C 84, 21.02.2022.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel – il-Belġju) – Recreatieprojecten Zeeland BV, Casino Admiral Zeeland BV, Supergame BV vs Belgische Staat

(Kawża C-695/21 (1), Recreatieprojecten Zeeland *et*)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Artikolu 56 TFUE – Restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi – Logħob tal-ażżard – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi projbizzjoni ġenerali għall-istabbilimenti tal-logħob tal-ażżard milli jirreklamaw – Deroga ipso jure għal din il-projbizzjoni għall-istabbilimenti li għandhom liċenzja operattiva maħruġa mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru – Assenza ta' possibbiltà ta' deroga għall-istabbilimenti li jinsabu fi Stat Membru ieħor)

(2023/C 155/23)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Recreatieprojecten Zeeland BV, Casino Admiral Zeeland BV, Supergame BV

Konvenut: Belgische Staat

Dispożittiv

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tagħti lill-operaturi ta' numru limitat u kkontrollat ta' stabbilimenti tal-logħob tal-ażżard li jinsabu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru deroga ipso jure għall-projbizzjoni ta' reklamar ġeneralment applikabbli għal tali stabbilimenti, mingħajr ma tipprevedi l-possibbiltà għall-operaturi ta' stabbilimenti tal-logħob tal-ażżard li jinsabu fi Stat Membru ieħor li jiksbu deroga għall-istess finijiet.

(1) ĠU C 84 du 21.02.2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Għaxar Awla) tad-9 ta' Marzu 2023 – Francoise Grossetête vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-714/21 P) ([1])

(Appell – Dritt istituzzjonali – Leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew – Bidla fl-iskema tal-pensjoni komplementari volontarja – Deċiżjoni individwali li tiddetermina d-drittijiet għall-pensjoni supplimentari volontarja – Eċċezzjoni ta' illegalità – Kompetenza tal-Bureau tal-Parlament – Drittijiet miksuba jew fil-proċess li jkunu miksuba – Proporzjonalità – Ugwaljanza fit-trattament – Ċertezza legali)

(2023/C 155/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Francoise Grossetête (rappreżentanti: E. Arnaldos Orts, abogado, F. Doumont, avukat, J. Martínez Gimeno u D. Sarmiento Ramírez-Escudero, abogados)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: M. Ecker, N. Görlitz u T. Lazian, aġenti)

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Françoise Grossetête hija kkundannata għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 37, 24.01.2022.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Għaxar Awla) tad-9 ta' Marzu 2023 – Gerardo Galeote (C-715/21 P), Graham Watson (C-716/21 P) vs Il-Parlament Ewropew

(Kawżi Magħquda C-715/21 P u C-716/21 P) ([1])

(Appell – Dritt istituzzjonali – Leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew – Bidla fl-iskema tal-pensjoni komplementari volontarja – Deċiżjoni individwali li tiddetermina d-drittijiet għall-pensjoni supplimentari volontarja – Eċċezzjoni ta' illegalità – Kompetenza tal-Bureau tal-Parlament – Drittijiet miksuba jew fil-proċess li jkunu miksuba – Proporzjonalità – Ugwaljanza fit-trattament – Ċertezza legali)

(2023/C 155/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Gerardo Galeote (C-715/21 P), Graham Watson (C-716/21 P) (rappreżentanti: E. Arnaldos Orts, abogado, F. Doumont, avukat, J. Martínez Gimeno u D. Sarmiento Ramírez-Escudero, abogados)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: M. Ecker, N. Görlitz u T. Lazian, aġenti)

Dispożittiv

1) L-appelli huma miċħuda.

2) Gerardo Galeote u Graham Watson huma kkundannati għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 37, 24.01.2022.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Wien – l-Awstrija) – Kwizda Pharma GmbH vs Landeshauptmann von Wien

(Kawża C-760/21 [1], Kwizda Pharma)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Is-sikurezza tal-ikel – Prodotti tal-ikel – Regolament (UE) Nru 609/2013 – Artikolu 2(2)(g) – Kunċett ta' "ikel għal skopijiet mediċi speċjali" – Ħtiġiet oħra nutrizzjonali partikolari – Rekwiżiti nutrittivi – Tibdil fis-sistema tal-ikel – Sustanzi nutrittivi – Użu taħt superviżjoni medika – Ingredjenti li ma ġewx assorbiti jew metaboliti fil-kanal alimentari – Delimitazzjoni fir-rigward tal-prodotti mediċinali – Delimitazzjoni fir-rigward tas-supplimenti tal-ikel)

(2023/C 155/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Wien

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Kwizda Pharma GmbH

Konvenut: Landeshauptmann von Wien

Dispożittiv

1) Il-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem kif emendata bid-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, u l-Artikolu 2(2)(g) tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009,

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   sabiex jiġu distinti l-kunċetti ta' "prodott mediċinali" u ta' "ikel għal skopijiet mediċi speċjali", li huma ddefiniti rispettivament għal dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jiġu evalwati, fid-dawl tan-natura u tal-karatteristiċi tal-prodott ikkonċernat, jekk dan huwiex prodott nutrittiv intiż sabiex jissodisfa r-rekwiżiti nutrittivi partikolari jew ta' prodott intiż li jipprevjeni jew li jikkura mard tal-bniedem, li jirristawra, li jikkoreġi jew ibiddel funzjonijiet fiżjoloġiċi billi jeżerċita azzjoni farmakoloġika, immunoloġika jew metabolika, jew li jistabbilixxi dijanjożi medika, jew jekk ikun il-każ, ippreżentat bħala tali.

2) L-Artikolu 2(2)(g) tar-Regolament Nru 609/2013.

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   l-ewwel, il-kunċett ta' "rekwiżiti nutrittivi" jkopri bżonnijiet ikkawżati minn marda, minn disturb jew minn stat ta' saħħa, li s-sodisfazzjon tagħhom huwa indispensabbli għall-pazjent minn perspettiva nutrizzjonali, it-tieni, il-klassifikazzjoni ta' "ikel għal skopijiet mediċi speċjali" ma tistax tkun suġġetta għall-kundizzjoni li wieħed jissodisfa "rekwiżiti nutrittivi", ikkawżati minn marda, disturb jew stat ta' saħħa, u, konsegwentement, l-effett tal-imsemmi prodott neċessarjament iseħħ matul jew wara d-diġestjoni u, it-tielet, il-kunċett ta' "tibdil tal-unika sistema ta'dieta normali" jinkludi kemm is-sitwazzjonijiet li fihom tibdil tad-dieta huwa impossibbli jew perikoluż għall-pazjent minn dawn li fihom il-pazjent jista' biss b'mod diffiċli ħafna jissodisfa r-rekwiżiti nutrittivi tiegħu b'ikel ordinarju.

3) L-Artikolu 2(2)(g) tar-Regolament Nru 609/2013.

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, li ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "nutrijent", għandha ssir referenza għad-definizzjoni ta' dan il-kunċett li jinsab fl-Artikolu 2(2)(s) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004).

4) L-Artikolu 2(2)(g) tar-Regolament Nru 609/2013

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

minn naħa, prodott għandu jintuża taħt superviżjoni medika jekk ir-rakkomandazzjoni u l-evalwazzjoni sussegwenti ta' professjonist fil-kura tas-saħħa huma neċessarji fir-rigward tar-rekwiżiti nutrizzjonali li jirriżultaw minn marda, minn disturb jew minn stat ta' saħħa partikolari u tal-effetti tal-prodott fuq ir-rekwiżiti nutrizzjonali tal-pazjent u fuq dan tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, li r-rekwiżit li ikel għal skopijiet mediċi speċjali "jista' jintuża biss taħt superviżjoni medika" ma hijiex kundizzjoni ta' kwalifika ta' prodott bħala tali.

5) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/46 u l-Artikolu 2(2)(g) tar-Regolament Nru 609/2013

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

il-kunċetti ta' "suppliment tal-ikel" u ta' "ikel għal skopijiet mediċi speċjali", li huma ddefiniti rispettivament f'dawn id-dispożizzjonijiet, huma esklużivi għal xulxin u li huwa neċessarju li jiġi ddeterminat każ b'każ u skont il-karatteristiċi u l-kundizzjonijiet tal-użu jekk prodott jaqax taħt wieħed jew ieħor minn dawn il-kunċetti.

(1) ĠU C 138, 28.3.2022.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-2 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Graz – l-Awstrija) – Proċedura dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea li tikkonċerna lil MS

(Kawża C-16/22 (1), Staatsanwaltschaft Graz (l-Uffiċċju tat-Taxxa Inkarigat bi Kwistjonijiet Fiskali Kriminali ta' Düsseldorf))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva 2014/41/UE – Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea – Artikolu 1(1) – Kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja" – Artikolu 2(c) – Kunċett ta' "awtorità emittenti" – Deċiżjoni maħruġa minn awtorità tat-taxxa mingħajr validazzjoni minn imħallef jew prosekutur pubbliku – Awtorità tat-taxxa li tassumi d-drittijiet u d-dmirijiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-kuntest ta' investigazzjoni fiskali kriminali)

(2023/C 155/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Graz

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: MS

Fil-preżenza ta': Staatsanwaltschaft Graz, Finanzamt für Steuerstrafsachen und Steuerfahndung Düsseldorf

Dispożittiv

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 2(c)(i) tad-Direttiva 2014/41 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

— l-awtorità tat-taxxa ta' Stat Membru li, filwaqt li taqa' taħt l-eżekuttiv ta' dan tal-aħħar, twettaq, skont id-dritt nazzjonali, investigazzjonijiet fiskali kriminali b'mod awtonomu, minflok l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u billi tassumi d-drittijiet u d-dmirijiet mogħtija lil dan tal-aħħar ma tistax tiġi kklassifikata bħala "awtorità ġudizzjarja" u "awtorità emittenti", fis-sens, ta' waħda jew l-oħra minn dawn id-dispożizzjonijiet, rispettivament;

— tali awtorità tista', min-naħa l-oħra, taqa' taħt il-kunċett ta' "awtorità emittenti", fis-sens tal-Artikolu 2(c)(ii) tal-imsemmija direttiva, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni jiġu osservati.

(1) ĠU C 138, 28.3.2022.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-7 ta' Frar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rada Úradu pre verejné obstarávanie – is-Slovakkja) – HOREZZA a.s. vs Úrad pre verejné obstarávanie

(Kawża C-520/22 (1), Horezza)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Artikolu 267 TFUE – Kunċett ta' "qorti" – Awtorità ta' appell ta' korp nazzjonali li jirregola l-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi – Indipendenza – Kwalità ta' terz fir-rigward tal-awtorità li ħadet id-deċiżjoni li hija s-suġġett tal-azzjoni – Inammissibbiltà manifesta tat-talba għal deċiżjoni preliminari)

(2023/C 155/28)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Rada Úradu pre verejné obstarávanie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: HOREZZA a.s.

Konvenut: Úrad pre verejné obstarávanie

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari li tressqet mir-Rada Úradu pre verejné obstarávanie (il-Bord tal-Awtorità li Tirregola l-Kuntratti Pubbliċi, is-Slovakkja), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Awwissu 2022, hija manifestament inammissibbli.

(1) Data tal-preżentata: 4.8.2022.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-7 ta' Frar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Rada Úradu pre verejné obstarávanie – is-Slovakkja) – KONŠTRUKTA – Defence a.s. vs Úrad pre verejné obstarávanie

(Kawża C-521/22 (1), Konštrukta – Defence)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Artikolu 267 TFUE – Kunċett ta' "qorti" – Awtorità ta' appell ta' korp nazzjonali li jirregola l-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi – Indipendenza – Kwalità ta' terz fir-rigward tal-awtorità li ħadet id-deċiżjoni li hija s-suġġett tal-azzjoni – Inammissibbiltà manifesta tat-talba għal deċiżjoni preliminari)

(2023/C 155/29)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Rada Úradu pre verejné obstarávanie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: KONŠTRUKTA – Defence a.s.

Konvenut: Úrad pre verejné obstarávanie

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rada Úradu pre verejné obstarávanie (il-Bord tal-Awtorità li Tirregola l-Kuntratti Pubbliċi, is-Slovakkja), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Awwissu 2022, hija manifestament inammissibbli.

(1) Data tal-preżentata: 4.8.2022.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Prahova (ir-Rumanija) fit-18 ta' Ottubru 2022 – SC Bitulpetrolium Serv SRL vs Administrația Județeană a Finanțelor Publice Prahova – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Ploiești

(Kawża C-657/22)

(2023/C 155/30)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul Prahova

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: SC Bitulpetrolium Serv SRL

Konvenut: Administrația Județeană a Finanțelor Publice Prahova – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Ploiești

Domandi preliminari

1) Dispożizzjonijiet nazzjonali u prassi nazzjonali bħal dawk li huma s-suġġett ta' din il-kawża, li jipprovdu li l-introduzzjoni mill-ġdid fil-maħżen tat-taxxa ta' kombustibbli għat-tisħin (żejt fjuwil) fl-assenza ta' kontroll doganali [tikkostitwixxi] allegat ksur tas-sistema tal-ħażna [li] jiġġustifika l-applikazzjoni ta' sisa bir-rata stabbilita għaż-żejt tal-gass, kombustibbli [li s-sisa fuqu għandha] valur ta' iktar minn 21 darba ogħla mis-sisa fuq iż-żejt fjuwil, imorru kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità u [l-Artikolu] 2(3), [l-Artikolu] 5 u [l-Artikolu] 21(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (1)?

2) Dispożizzjonijiet nazzjonali u prassi nazzjonali bħal dawk li huma s-suġġett ta' din il-kawża, li jipprovdu li l-VAT hija imposta fuq l-ammonti addizzjonali stabbiliti mill-awtoritajiet tat-taxxa bħala sisa fuq iż-żejt fjuwil bħala sanzjoni għal nuqqas ta' konformità mas-sistema ta' kontroll doganali min-naħa tal-kontribwent, bħala riżultat tal-introduzzjoni mill-ġdid fil-maħżen mill-kontribwent tal-prodotti tal-enerġija bħal żejt fjuwil, mhux imniġġes, li għalih is-sisa kien diġà tħallas, irrifjutat mill-klijenti, sakemm jiġi identifikat xerrej, imorru kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità, il-prinċipju ta' newtralità tal-VAT u [l-Artikoli] 2, 250 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (2)?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405.
(2) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof ’s-Hertogenbosch (il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-14 ta’ Diċembru 2022 – XX vs Inspecteur van de Belastingdienst

(Kawża C-782/22)

(2023/C 155/31)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Gerechtshof ’s-Hertogenbosch

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: XX

Konvenut: Inspecteur van de Belastingdienst

Domanda preliminari

L-Artikolu 63(1) TFUE jipprekludi leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni, li bis-saħħa tagħha d-dividendi mħallsa minn kumpanniji (kkwotati) li huma stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi lil kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor li investiet, fost l-oħrajn, f’azzjonijiet f’dawn il-kumpanniji (kkwotati) sabiex jiġu koperti obbligi futuri ta’ pagament huma suġġetti għal taxxa f’ras il-għajn bir-rata ta’ 15 % fuq l-ammont gross ta’ dawn il-pagamenti ta’ dividendi, filwaqt li l-piż ta’ taxxa fuq il-pagamenti ta’ dividendi lil kumpannija stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi f’ċirkustanzi li huma, mill-bqija, simili jkun ta’ żero, għaliex fil-kalkolu tal-bażi tat-taxxa fuq il-qligħ li għaliha din il-kumpannija tkun suġġetta jittieħed inkunsiderazzjoni l-infiq inkors minħabba żieda fl-obbligi futuri ta’ pagament tal-kumpannija, liema żieda tikkorrispondi kważi għal kollox ma’ bidla (pożittiva) fil-valur tal-investimenti, minkejja li r-riċezzjoni ta’ dividendi ma twassalx minnha nfisha għal bidla fil-valur ta’ dawn l-obbligi?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fit-28 ta’ Diċembru 2022 – G.A. vs Hauptzollamt Braunschweig

(Kawża C-791/22, Hauptzollamt Braunschweig)

(2023/C 155/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: G.A.

Konvenut: Hauptzollamt Braunschweig

Domanda preliminari

Imur kontra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud [1], b’mod partikolari kontra l-Artikoli 30 u 60 tagħha, il-fatt li dispożizzjoni ta’ Stat Membru tirrendi l-Artikolu 215 (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta’ Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2] applikabbli b’analoġija għat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni?

(1) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Palma de Mallorca (Spanja) fit-12 ta’ Jannar 2023 – Eventmedia Soluciones SL vs Air Europa Líneas Aéreas SAU

(Kawża C-11/23, Eventmedia Soluciones)

(2023/C 155/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Palma de Mallorca

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Eventmedia Soluciones SL

Konvenut: Air Europa Líneas Aéreas SAU

Domandi preliminari

1) L-inklużjoni, f’kuntratt ta’ trasport bl-ajru, ta’ klawżola bħal dik esposta, tista’ titqies bħala eċċezzjoni inammissibbli fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 261/04 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta’ kanċellazzjoni jew dewmien twil ta’ titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 ([1]), minħabba li tillimita l-obbligi tat-trasportatur, billi tillimita l-possibbiltà li d-dritt tal-passiġġieri għal kumpens minħabba kanċellazzjoni ta’ titjira jiġi ssodisfatt permezz ta’ trasferiment ta’ kreditu?

2) L-Artikolu 7(1), moqri flimkien mal-Artikolu 5(1)(ċ) u mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/04, jista’ jiġi interpretat fis-sens li l-ħlas ta’ kumpens minħabba kanċellazzjoni ta’ titjira, dovut mit-trasportatur inkarigat mit-twettiq tat-titjira, huwa obbligu impost mir-Regolament irrispettivament mill-eżistenza ta’ kuntratt ta’ trasport mal-passiġġier u min-nuqqas, kolpuż, ta’ twettiq ta’ obbligi kuntrattwali tat-trasportatur tal-ajru?

   Sussidjarjament, fil-każ li jitqies li l-imsemmija klawżola ma tikkostitwixxix eċċezzjoni inammissibbli konformement mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 261/04 jew jekk jiġi kkunsidrat li d-dritt għal kumpens huwa ta’ natura kuntrattwali, qiegħdha ssir is-segwenti domanda preliminari:

3) L-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta’ April 1993 dwar klawżoli inġusti f’kuntratti mal-konsumatur ([2]), għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq talba abbażi tad-dritt għall-kumpens minħabba kanċellazzjoni ta’ titjira previst fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 261/04, għandha tistħarreġ *ex officio* l-eventwali natura inġusta ta’ klawżola, inkluża fil-kuntratt ta’ trasport, li ma tippermettix li l-passiġġier jittrasferixxi d-drittijiet tiegħu, meta t-talba titressaq mill-persuna li favuriha sar t-trasferiment li, b’kuntrast mal-persuna li titrasferixxi, ma hijiex konsumatur jew utent?

4) Fil-każ li jkun hemm lok li jitwettaq l-istħarriġ *ex officio*, id-dmir li l-konsumatur jiġi informat u li jiġi kkonstatat jekk jinvokax in-natura inġusta tal-klawżola jew inkella jekk jaċċettahiex, jista’ jiġi injorat fid-dawl tal-intenzjoni li huwa wera meta ttrasferixxa l-kreditu tiegħu, bi ksur tal-klawżola eventwalment inġusta li ma kinitx tippermetti t-trasferiment tal-kreditu?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288 bir-Rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Gliwicach (il-Polonja) fit-18 ta’ Jannar 2023 – F S.A. vs Dyrektorowi Krajowej Informacji Skarbowej

(Kawża C-18/23, Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej)

(2023/C 155/34)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Wojewódzki Sąd Administracyjny w Gliwicach

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: F S.A.

Konvenut: Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikoli 18, 49 kif ukoll 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-istabbiliment ta' rekwiżiti formali fid-dritt nazzjonali, bħal fil-kawża prinċipali, fejn l-istituzzjonijiet ta' investiment kollettiv li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, minbarra fir-Repubblika tal-Polonja, jew fi Stat ieħor taż-Żona Ekonomika Ewropea jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq id-dħul, jiġifieri mir-rekwiżit li [dawn l-istituzzjonijiet] jitmexxew minn entitajiet esterni li jeżerċitaw l-operat tagħhom fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti fis-swieq finanzjarji tal-Istat li fih dawn l-entitajiet għandhom is-sede tagħhom?

([1]) ĠU 2009, L 302 p. 32.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fid-19 ta' Jannar 2023 – ND vs DR

(Kawża C-21/23, Lindenapotheke)

(2023/C 155/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: ND

Konvenut: DR

Domandi preliminari

1) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ([1]) jipprekludu regoli nazzjonali li, flimkien mas-setgħat ta' intervent tal-awtoritajiet ta' kontroll inkarigati li jissorveljaw u li jinforzaw dan ir-regolament u mal-possibbiltajiet ta' rimedji ġudizzjarji tal-persuni kkonċernati, jagħtu lill-kompetituri s-setgħa sabiex jaġixxu, permezz ta' rikors quddiem il-qrati ċivili, minħabba ksur tal-imsemmi regolament, kontra l-awtur ta' dan, abbażi tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti?

2) Id-data li l-klijenti ta' spiżjar li jaġixxi bħala bejjiegħ fuq pjattaforma ta' bejgħ online jdaħħlu fuq din il-pjattaforma, meta ssir l-ordni ta' prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa effettivament irriżervat għall-ispiżeriji, iżda li ma humiex suġġetti għal riċetta medika (data bħall-isem tal-klijent, l-indirizz tal-kunsinna u informazzjoni neċessarja għall-individwalizzazzjoni tal-prodott mediċinali li l-bejgħ tiegħu huwa rriżervat għall-ispiżeriji u li ġie ordnat), tikkostitwixxi data dwar is-saħħa fis-sens tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2016/679 u data dwar is-saħħa fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([2])?

([1]) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg (il-Lussemburgu) fit-23 ta' Jannar 2023 – FV vs Caisse pour l'avenir des enfants

(Kawża C-27/23, Hocinx) [1]

(2023/C 155/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: FV

Konvenut: Caisse pour l'avenir des enfants

Domandi preliminari

Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament iggarantit mill-Artikolu 45 TFUE u mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni [2], kif ukoll mill-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [3] u mill-Artikolu 60 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali [4] jipprekludi dispożizzjonijiet ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħhom il-ħaddiema fruntalieri ma jkunux jistgħu jirċievu allowance tal-familja, marbuta mal-eżerċizzju, minn dawn tal-aħħar, ta' attività bħala persuni impjegati f'dan l-Istat Membru, fir-rigward tat-tfal li jitqiegħdu magħhom permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, anki jekk it-tfal kollha li jkunu ġew suġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja ta' tqegħid u li jirrisjedu fl-imsemmi Stat Membru għandhom id-dritt li jirċievu din l-allowance li tingħata lill-persuna fiżika jew ġuridika li tkun fdata bil-kustodja tal-minuri u li magħha l-minuri jkollu d-domiċilju legali u r-residenza effettiva u kontinwa tiegħu? Ir-risposta għal din id-domanda tista' tkun affettwata mill-fatt li l-ħaddiem fruntalier imantni lil dan il-minuri?

(1) L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.
(2) ĠU 2011, L 141, p. 1.
(3) ĠU 2004, L 166, p. 1.
(4) ĠU 2009, L 284, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Korneuburg (l-Awstrija) fl-24 ta' Jannar 2023 – AA AG vs VM, AG GmbH

(Kawża C-33/23, Schwarzde [1])

(2023/C 155/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landesgericht Korneuburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: AA AG

Konvenuti: VM, AG GmbH

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 [2], moqri flimkien mal-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Komunità Ewropea dwar it-Trasport bl-Ajru tal-21 ta' Ġunju 1999, kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 2/2010 tal-Kumitat Konġunt tat-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità u l-Isvizzera Stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru tas-26 ta' Novembru 2010 li tissostitwixxi l-Anness għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru [3], għandu jiġi interpretat fis-sens li titjira, li tikkonsisti f'żewġ segmenti bi tluq mit-territorju tal-Konfederazzjoni Svizzera, waqfa fit-territorju ta' Stat Membru u destinazzjoni finali fit-territorju ta' pajjiż Stat terz (fejn, barra minn hekk, it-trasportatur bl-ajru li jopera huwa impriża Komunitarja), taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 261/2004?

2) L-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004, moqri flimkien mal-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Komunità Ewropea dwar it-Trasport bl-Ajru (FTA) tal-21 ta' Ġunju 1999, kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 2/2010, għandu jiġi interpretat fis-sens li titjira, li tikkonsisti f'żewġ segmenti bi tluq mit-territorju ta' pajjiż terz, waqfa fit-territorju ta' Stat Membru u destinazzjoni finali fit-territorju tal-Konfederazzjoni Svizzera, fejn it-trasportatur bl-ajru li jopera huwa impriża Komunitarja, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 261/2004?

(1) L-isem ta' din il-kawża huwa wieħed fittizju, u ma jikkorrispondix mal-isem reali ta' waħda mill-partijiet fil-proċedura.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.
(3) ĠU 2010, L 347, p. 54.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Koszalinie (il-Polonja) fl-24 ta' Jannar 2023 – RF vs Getin Noble Bank S.A.

(Kawża C-34/23, Getin Noble Bank)

(2023/C 155/38)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy w Koszalinie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: RF

Konvenut: Getin Noble Bank S.A.

Domanda preliminari

Il-projbizzjoni ddeterminata fl-Artikolu 70(1) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1), tikkonċerna esklużivament il-possibbiltà ta' infurzar ta' garanzija għal talbiet pekunjarji permezz tal-eżekuzzjoni forzata jew ukoll għat-tressiq ta' kwalunkwe proċedura għal miżuri kawtelatorji relatati ma' entità suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni?

(1) ĠU 2014, L 173, p. 190.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fil-25 ta' Jannar 2023 – Agenzia delle Entrate vs PR

(Kawża C-37/23, Giocevi (1))

(2023/C 155/39)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte suprema di cassazione

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Agenzia delle Entrate

Konvenut: PR

Domanda preliminari

Il-prinċipji ddikjarati fid-digriet Agenzia delle Entrate vs Nuova Invincibile srl, fil-Kawża C-82/14, EU:C:015:510, kif ukoll fis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja, fil-Kawża C-132/06, EU:C:2008:412, jipprekludu dispożizzjoni leġizlattiva, bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 33(28) tal-legge n. 183 del 2011 (il-Liġi Nru 183 tal-2011), li tippermetti lill-kontribwenti jiksbu rimbors ta' 60 % tal-VAT imħallsa fil-perijodu bejn April 2009 u Diċembru 2010 b'rabta mat-terremot li laqat it-territorju ta' Abruzzo fis-6 ta' April 2009?

([1]) L-isem ta' din il-kawża huwa isem fittizju. Ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nederlandstalige Ondernemingsrechtbank Brussel (il-Belġju) fil-31 ta' Jannar 2023 – A, B, C, D vs MS Amlin Insurance SE

(Kawża C-45/23)

(2023/C 155/40)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Nederlandstalige Ondernemingsrechtbank Brussel

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: A, B, C, D

Konvenut: MS Amlin Insurance SE

Domanda preliminari

L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva (UE) 2015/2302 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sigurtà obbligatorja prevista minn din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għar-rimbors tal-pagamenti kollha magħmula minn jew f'isem vjaġġaturi meta l-vjaġġaturi jitterminaw il-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar minħabba ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji fis-sens tal-Artikolu 12(2) tal-istess direttiva u l-organizzatur jiġi ddikjarat f'falliment wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar għal din ir-raġuni, iżda qabel ma dawn il-pagamenti jiġu effettivament irrimborsati lill-vjaġġaturi, b'mod li dawn il-vjaġġaturi jbatu telf finanzjarju u għalhekk isostnu riskju ekonomiku fil-każ ta' falliment tal-organizzatur tal-vjaġġ?

([1]) ĠU 2015, L 326, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Upravno sodišče Republike Slovenije (is-Slovenja) fis-6 ta' Frar 2023 – Y.N. vs Ir-Repubblika tas-Slovenja

(Kawża C-58/23, Abboudnam ([1]))

(2023/C 155/41)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Qorti tar-rinviju

Upravno sodišče Republike Slovenije

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Y.N.

Konvenut: Ir-Repubblika tas-Slovenja

Domandi preliminari

L-Artikolu 46(4) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) ([2]), moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([3]), għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludu regola proċedurali nazzjonali, bħat-tieni sentenza tal-Artikolu 70(1) taż-ZMZ-1, li, għall-preżentata ta' rikors kontra deċiżjoni li permezz tagħha l-awtorità kompetenti tiċħad talba bħala manifestament infondata fil-kuntest ta' proċedura mħaffa, tipprevedi terminu ta' dekadenza ta' tliet ijiem li jiddekorri min-notifika ta' tali deċiżjoni, inklużi l-btajjel pubbliċi, fejn tali terminu jista' jiskadi fi tmiem il-jum ta' xogħol ta' wara?

([1]) L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.
([2]) ĠU 2013, L 180, p. 60).
([3]) ĠU 2012, C 326, p. 391).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-8 ta' Frar 2023 – proċeduri kriminali kontra S.Z.

(Kawża C-67/23, W. GmbH)

(2023/C 155/42)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Imputat: S.Z.

Parti proprjetarja tal-beni kkonfiskati: W. GmbH.

Parti oħra fil-proċedura: Generalbundesanwalt beim Bundesgerichtshof

Domandi preliminari

1) It-terminu "joriġinaw f'Burma/il-Mjanmar" fl-Artikolu 2(2)(a)(i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008 tal-25 ta' Frar 2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 817/2006 ([1]), għandu jiġi interpretat fis-sens li ebda waħda minn dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar imwettqa f'pajjiż terz (f'dan il-każ, it-Tajwan) fir-rigward ta' zkuk tal-injam tat-tik li jikber fil-Mjanmar ma timplika bidla fl-oriġini, bil-konsegwenza li l-injam tat-tik ipproċessat b'dan il-mod jibqa' "prodott li joriġina f'Burma/il-Mjanmar":

— tneħħija tal-friegħi u tal-ġilda miz-zkuk tal-injam tat-tik;

— isserrar taz-zkuk tal-injam tat-tik f'teak squares (zkuk li tneħħewlhom il-friegħi u l-ġilda u li ġew isserrati fil-forma ta' kubi tal-injam);

— isserrar ta' zkuk tal-injam tat-tik f'tavli jew f'fallakki (injam isserrat)?

2) It-terminu "esportati minn Burma/il-Mjanmar" skont l-Artikolu 2(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 194/2008, għandu jiġi interpretat fis-sens li huma biss koperti l-prodotti importati fl-Unjoni Ewropea direttament mill-Mjanmar, bil-konsegwenza li l-prodotti inizjalment esportati lejn pajjiż terz (f'dan il-każ, it-Tajwan), u sussegwentement ittrasportati minn hemm lejn l-Unjoni Ewropea, ma jaqgħux taħt ir-regolament, irrispettivament minn jekk kinux ġew suġġetti għal ipproċessar jew xogħlijiet li jikkonferixxulhom oriġini f'dak il-pajjiż terz?

3) L-Artikolu 2(2)(a)(i) tar-Regolament Nru 194/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li ċertifikat ta' oriġini maħruġ minn pajjiż terz (f'dan il-każ, it-Tajwan), li jipprovdi li, minħabba dak l-ipproċessar f'pajjiż terz, zkuk tal-injam tat-tik isserrati li joriġinaw mill-Mjanmar issa joriġinaw minn dak l-Istat, ma huwiex vinkolanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tal-projbizzjoni tal-importazzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 194/2008?

(1) ĠU 2008, L 66, p. 1

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (l-Ungerija) fl-14 ta' Frar 2023 – FJ vs Agrárminiszter

(Kawża C-79/23 Kaszamás) (1)

(2023/C 155/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Törvényszék

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: FJ

Konvenut: Agrárminiszter

Domandi preliminari

1) Il-kunċett ta' sejba ddefinit fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (2), huwa applikabbli meta jiġi interpretat u applikat it-tielet paragrafu tal-Artikolu 58 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid? (3)

2) Jekk id-domanda preċedenti tingħata risposta fl-affermattiv, il-kunċett ta' sejba kif iddefinit fl-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1290/2005 għandu jiġi interpretat fis-sens li għandha titqies bħala s-sena kalendarja tal-ewwel att ta' sejba amministrattiva jew ġudizzjarja s-sena kalendarja li fiha l-awtorità li tieħu konjizzjoni tal-proċedura amministrattiva bdiet fuq il-bażi tal-applikazzjoni:

— twettaq l-ewwel azzjoni intiża sabiex jinkisbu provi li fihom tistabbilixxi l-eżistenza ta' irregolarità, li f'din il-kawża hija s-sena li fiha ġie redatt ir-rapport li fih il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni fuq il-post, jew

— tieħu l-ewwel deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza tal-materja bbażata fuq din l-azzjoni intiża sabiex jinkisbu provi, jew

— tieħu, fil-kuntest tal-proċedura, id-deċiżjoni finali u definittiva li tiddetermina l-esklużjoni?

3) Ir-risposta għad-domanda preċedenti għandha impatt fuq il-fatt li l-evalwazzjoni bil-miktub li tikkostitwixxi s-sejba tista' sussegwentement tiġi rtirata jew aġġustata bħala riżultat tad-dritt ta' appell mogħti lill-parti kkonċernata taħt ir-regolamenti u mhux bħala konsegwenza ta' modifiki tal-proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja?

4) Jekk is-sena kalendarja tas-sejba hija dik ta' l-ewwel azzjoni mmirata lejn il-kisba ta' provi u, kif inhu l-każ f'din il-kawża, dik l-azzjoni kienet tikkonsisti minn valutazzjoni fuq il-post imwettqa f'okkażjonijiet differenti, għandu jiġi interpretat l-kunċett tal-ewwel azzjoni ntiża sabiex jinkisbu provi tal-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1290/2005 fis-sens li jikkorrispondi għall-ewwel valutazzjoni fuq il-post tal-awtorità jew fis-sens li jikkorrispondi mal-aħħar valutazzjoni tagħha fuq il-post, li fih ittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll l-osservazzjonijiet u l-provi mogħtija mill-persuna kkonċernata?

5) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv, dan ibiddel xi ħaġa fil-kontenut iddefinit minn qabel tas-sejba li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 58 tar-Regolament Nru 1122/2009?

(1) L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.
(2) ĠU 2005, L 209, 11.8.2005, p. 1.
(3) ĠU 2009, L 316, p. 65, rettifika fil-ĠU 2013, L 246, p. 3.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski gradski sad (il-Bulgarija) fl-14 ta' Frar 2023 – Proċeduri kriminali kontra V.S.

(Kawża C-80/23, Ministerstvo na vatreshnite raboti)

(2023/C 155/44)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Sofiyski gradski sad

Proċeduri kriminali kontra

V.S.

Domandi preliminari

1) Ir-rekwiżit li ssir verifika abbażi tal-kriterju ta' "verament meħtieġ" fis-sens tal-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI [1], kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 133 tas-sentenza tas-26 ta' Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti [2], ikun issodisfatt jekk din il-verifika titwettaq biss abbażi tal-att li jqiegħed lill-persuna kkonċernata taħt investigazzjoni u tar-rifjut bil-miktub ta' din il-persuna li tingħabar id-data bijometrika u ġenetika tagħha, jew huwa meħtieġ li l-qorti jkollha l-atti kollha tal-proċess tal-kawża li, skont il-liġi nazzjonali għandhom jingħaddu lill-qorti meta titressaq talba, fil-kuntest tal-kawża kriminali, għal awtorizzazzjoni li jitwettqu miżuri ta' investigazzjoni li jinvolvu indħil fl-isfera legali tal-persuni fiżiċi?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv: fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kriterju ta' "verament meħtieġ" fis-sens tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 6(a) tagħha, il-qorti tista', wara li tkun ingħatat il-proċess tal-kawża, tevalwa wkoll jekk hemmx raġunijiet serji li jindikaw li l-persuna indagata wettqet ir-reat indikat fl-att li jqiegħda taħt investigazzjoni?

(1) ĠU 2016, L 119, p. 89, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6.
(2) C-205/21, EU:C:2023:49.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven kasatsionen sad (il-Bulgarija) fil-15 ta' Frar 2023 – E.N.I., Y.K.I. vs HUK-COBURG-Allgemeine Versicherung AG

(Kawża C-86/23, HUK-COBURG-Allgemeine Versicherung)

(2023/C 155/45)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Varhoven kasatsionen sad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: E.N.I., Y.K.I.

Konvenut: HUK-COBURG-Allgemeine Versicherung AG

Domanda preliminari

L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II") ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-applikazzjoni ta' prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Istat Membru, bħalma huwa l-prinċipju ta' ekwità, sabiex jiġi kkalkolat il-kumpens għad-dannu morali fil-każ tal-mewt ta' qraba li jirriżulta minn delitt, tista' titqies li hija dispożizzjoni obbligatorja prevalenti fis-sens ta' dan l-artikolu?

([1]) ĠU 2007, L 199, p. 40.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Svea Hovrätt, Patent- och marknadsöverdomstolen (l-Isvezja) fil-15 ta' Frar 2023 – Parfümerie Akzente GmbH vs KTF Organisation AB

(Kawża C-88/23, Parfümerie Akzente)

(2023/C 155/46)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Svea Hovrätt, Patent- och marknadsöverdomstolen.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Parfümerie Akzente GmbH

Konvenut: KTF Organisation AB

Domandi preliminari

1. L-Artikolu (3)2 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikularment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) ([1]) għandu, fid-dawl tar-regoli l-oħra tad-dritt tal-Unjoni u tal-effett utli tiegħu, jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha r-regoli nazzjonali li jaqgħu fil-qasam ikkoordinat, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) ([2]), ma għandhomx jiġu applikati meta l-fornitur huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor, minn fejn huwa jipprovdi servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, u meta ma jkunux issodisfatti r-rekwiżiti għall-applikazzjoni ta' deroga li tirriżulta mir-regoli nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2000/31?

2. Il-qasam ikkoordinat, fis-sens tad-Direttiva 2000/31, jinkludi l-kummerċjalizzazzjoni fis-sit internet tal-bejjiegħ u l-bejgħ online ta' prodott li huwa allegatament ittikkettat bi ksur tar-rekwiżiti applikabbli għall-prodott bħala tali fl-Istat Membru tal-konsumatur li jixtrih?

3. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, ir-rekwiżiti imposti għall-kunsinna u għal prodott bħala tali huma madankollu, skont l-Artikolu 2(h)(ii) tad-Direttiva 2000/31, esklużi mill-qasam ikkoordinat fis-sitwazzjoni fejn il-kunsinna tal-prodott bħala tali tikkostitwixxi parti neċessarja tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-bejgħ online, jew inkella għandu jitqies li l-kunsinna tal-prodott bħala tali hija element anċillari u inseparabbli mill-kummerċjalizzazzjoni u mill-bejgħ online?

4. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tat-tieni u tat-tielet domanda, x'importanza għandu, jekk ikun il-każ, il-fatt li r-rekwiżiti relatati mal-prodott bħala tali jirriżultaw minn dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw u jikkompletaw regoli tal-Unjoni speċifiċi għal settur, fosthom l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE tal-20 ta' Mejju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-aerosol dispensers ([3]) u l-Artikolu 19(5) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi ([4]), u li jipprovdu li r-rekwiżiti relatati mal-prodott għandhom ikunu ssodisfatti sabiex dan ikun jista' jitqiegħed fis-suq jew jiġi pprovdut lill-utenti finali fl-Istat Membru?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25. p. 399.
([2]) ĠU 2006, L 114, p. 86.
([3]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 2, p. 192.
([4]) ĠU 2009, L 342, p. 59, rettifiki fil-ĠU 2017, L 191, p. 12, fil-ĠU 2021, L 129, p. 162 u fil-ĠU 2021, L 224, p. 43.

Appell ippreżentat fl-20 ta' Frar 2023 minn PNB Banka AS mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla Estiża) fis-7 ta' Diċembru 2022 fil-Kawża T-275/19, PNB Banka vs BĊE

(Kawża C-99/23 P)

(2023/C 155/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: PNB Banka AS (rappreżentant: O. Behrends, Rechtsanwalt)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiddikjara nulla d-deċiżjoni tal-BĊE, innotifikata permezz ta' ittra tal-14 ta' Frar 2019, li jsir kontroll fil-post fil-bini tal-appellant;

— tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż tal-appellant u għall-ispejjeż ta' dan l-appell, u

— sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex f'pożizzjoni li tagħti deċiżjoni fuq il-mertu, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell, l-appellant jinvoka aggravju wieħed, ibbażat fuq l-allegazzjoni li s-sentenza appellata hija proċeduralment ivvizzjata għaliex il-Qorti Ġenerali ma ttrattatx b'mod xieraq il-kwistjoni tar-rappreżentanza tal-appellant fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta assumiet li kwistjoni fir-rigward tal-integrità tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali ma hijiex problema sakemm jista' jiġi argumentat li l-problema ma tkunx teżisti jekk, ipotetikament, il-Latvja tissodisfa l-obbligi tagħha. Għalhekk hija kisret il-prinċipju li l-protezzjoni legali għandha ma tkunx sempliċement teoretika u illużorja u għalhekk kisret l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Appell ippreżentat fl-20 ta' Frar 2023 minn PNB Banka AS mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla Estiża) fis-7 ta' Diċembru 2022 fil-Kawża T-301/19, PNB Banka vs BĊE

(Kawża C-100/23 P)

(2023/C 155/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: PNB Banka AS (rappreżentant: O. Behrends, Rechtsanwalt)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiddikjara nulla d-deċiżjoni tal-BĊE, innotifikata permezz ta' ittra tal-1 ta' Marzu 2019, li l-appellant jiġi kklassifikat bħala entità sinifikanti suġġetta għas-superviżjoni prudenzjali diretta tiegħu;

— tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż tal-appellant u għall-ispejjeż ta' dan l-appell, u

— sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex f'pożizzjoni li tagħti deċiżjoni fuq il-mertu, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell, l-appellant jinvoka aggravju wieħed, ibbażat fuq l-allegazzjoni li s-sentenza appellata hija proċeduralment ivvizzjata għaliex il-Qorti Ġenerali ma ttrattatx b'mod xieraq il-kwistjoni tar-rappreżentanza tal-appellant fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta assumiet li kwistjoni fir-rigward tal-integrità tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali ma hijiex problema sakemm jista' jiġi argumentat li l-problema ma tkunx teżisti jekk, ipotetikament, il-Latvja tissodisfa l-obbligi tagħha. Għalhekk hija kisret il-prinċipju li l-protezzjoni legali għandha ma tkunx sempliċement teoretika u illużorja u għalhekk kisret l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Appell ippreżentat fl-20 ta' Frar 2023 minn PNB Banka AS mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla Estiża) fis-7 ta' Diċembru 2022 fil-Kawża T-330/19, PNB Banka vs BĊE

(Kawża C-101/23 P)

(2023/C 155/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: PNB Banka AS (rappreżentant: O. Behrends, Rechtsanwalt)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiddikjara nulla d-deċiżjoni, innotifikata permezz ta' ittra tal-21 ta' Marzu 2019, li permezz tagħha l-BĊE ddeċieda li jopponi t-tranżazzjoni li tikkonsisti fl-akkwist ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'B;

— tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż tal-appellant u ta’ dan l-appell; u

— sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex f’pożizzjoni li tiddeċiedi fuq il-mertu, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell, l-appellant jinvoka aggravju wieħed, ibbażat fuq l-allegazzjoni li s-sentenza appellata hija vvizzjata proċeduralment għaliex il-Qorti Ġenerali ma ttrattatx b’mod xieraq il-kwistjoni tar-rappreżentanza tal-appellant fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta assumiet li kwistjoni fir-rigward tal-integrità tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali ma hijiex problema sakemm ikun jista’ jiġi argumentat li l-problema ma tkunx teżisti jekk, ipotetikament, il-Latvja tissodisfa l-obbligi tagħha. Għalhekk hija kisret il-prinċipju li l-protezzjoni legali ma għandhiex tkun sempliċement teoretika u illużorja u għalhekk kisret l-Artikolu 47 tal-Karta.

Appell ippreżentat fl-20 ta’ Frar 2023 minn PNB Banka AS mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla) fis-7 ta’ Diċembru 2022 fil-Kawża T-230/20, PNB Banka vs BĊE

(Kawża C-102/23 P)

(2023/C 155/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: PNB Banka AS (rappreżentant: O. Behrends, Rechtsanwalt)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), Ir-Repubblika tal-Latvja

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiddikjara bħala nulla d-Deċiżjoni tal-BĊE tas-17 ta’ Frar 2020, ECB-SSM-220-LVPNB-1, WHD-2019 0016, li tirrevoka l-awtorizzazzjoni tal-appellanti bħala istituzzjoni ta’ kreditu;

— tikkundanna lill-BĊE jbati l-ispejjeż tal-appellanti u l-ispejjeż ta’ dan l-appell, u

— sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx f’pożizzjoni li tagħti deċiżjoni fuq il-mertu, tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell ir-rikorrenti tinvoka żewġ aggravji.

L-ewwel aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali wettqet żball fir-rigward tal-mod li bih hija ttrattat il-kwistjoni tar-rappreżentanza tal-appellanti. Dan l-aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet.

L-ewwel, il-Qorti Ġenerali b’mod żbaljat ma kkunsidratx l-ewwel parti tal-proċedura ta’ revoka tal-liċenzja, jiġifieri l-preparazzjoni tad-deċiżjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali wettqet żball fir-rigward tas-sentenza tal-5 ta’ Novembru 2019, BĊE *et* vs Trasta Komercbanka *et* (C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, EU:C:2019:923) billi ttrattat din is-sentenza daqs li kieku biddlet il-liġi u għalhekk naqset milli tqis li l-BĊE kellu jirrettifika n-nuqqas preċedenti tiegħu li jikkonforma ruħu mal-prinċipji sostnuti minn din is-sentenza.

It-tielet, il-Qorti Ġenerali wettqet żball fir-rigward tal-evalwazzjoni tagħha tal-aġir tal-BĊE wara li l-BĊE biddel il-pożizzjoni tiegħu sussegwentement għas-sentenza BĊE *et* vs Trasta Komercbanka *et* (C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, EU:C:2019:923). Il-BĊE għaldaqstant naqas milli jimplimenta *in bona fide* s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

It-tieni aggravju bbażat fuq il-fatt li s-sentenza appellata hija vvizzjata bi żbalji proċedurali minħabba li l-Qorti Ġenerali ma ttrattatx b'mod adegwat il-kwistjoni tar-rappreżentanza tal-appellanti fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta assumiet li kwistjoni fir-rigward tal-integrità tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali ma hijiex problema sakemm jista' jiġi sostnut li l-problema ma tkunx teżisti jekk, ipotetikament, il-Latvja kkonformat mal-obbligi tagħha. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju li l-protezzjoni ġuridika ma għandhiex tkun sempliċement teoretika u illużorja u b'hekk kisret l-Artikolu 47 tal-Karta.

Appell ippreżentat fil-15 ta' Frar 2023 minn Trasta Komberbanka AS mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fit-30 ta' Settembru 2022 fil-Kawża T-698/16, Trasta Kombercbanka *et* vs BĊE

(Kawża C-103/23 P)

(2023/C 155/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Trasta Komberbanka AS (rappreżentant: A. Rasa)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Bank Ċentrali Ewropew, ir-Repubblika tal-Latvja, Il-Kummissjoni Ewropea, Ivan Fursin, Igors Buimisters, C & R Invest SIA, Figon Co. Ltd, GCK Holding Netherlands BV, Rikam Holding SA

Talbiet

— tannulla s-sentenza appellata;

— tikkundanna lill-BĊE jħallas kumpens finanzjarju għad-dannu li l-appellanti sofriet bħala riżultat tad-deċiżjoni tal-BĊE li jirrevoka l-liċenzja tal-appellanti fit-3 ta' Marzu 2016 u l-aġir relatat li huwa deskritt f'dan ir-rikors;

— tiddetermina li d-dannu materjali jammonta għal mill-inqas EUR 162 miljun flimkien ma' interessi kumpensatorji li jibdew mit-3 ta' Marzu 2016 sal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża u b'interessi moratorji korrispondenti mid-data tal-għoti tas-sentenza sal-ħlas kollu tagħha;

— tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż tal-appell skont l-Artikoli 134 u 135 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet sensiela ta' żbalji proċedurali, li huma l-aggravji għall-annullament tas-sentenza.

Meta wieħed iqis li hemm dubji li O. Behrends kellu kunflitt ta' interessi meta aġixxa kemm għal Trasta Komercbanka AS kif ukoll għal rikorrenti oħra fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali, huwa kkunsidrat li d-dritt tal-appellanti għal smigħ xieraq quddiem il-Qorti Ġenerali nkiser.

Barra minn hekk, skont il-liġi Latvjana, il-proċeduri jistgħu jitkomplew mill-werrieta ta' Igor Buimisters.

Peress li s-sentenza appellata għalhekk tiddetermina l-obbligu ta' Trasta Komercbanka AS li tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri legali, hija tikser id-drittijiet ta' terzi – il-kredituri ta' Trasta Komercbanka AS. B'hekk, din is-sentenza tikser id-drittijiet ta' terzi li ma kellhomx id-dritt li jipparteċipaw fil-proċeduri legali.

Appell ippreżentat fit-2 ta’ Marzu 2023 minn E. Breuninger GmbH & Co. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiża) fil-21 ta’ Diċembru 2022 fil-Kawża T-260/21, E. Breuninger GmbH & Co vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-124/23 P)

(2023/C 155/52)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: E. Breuninger GmbH & Co. (rappreżentant: R. Velte, Rechtsanwalt)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta’ Diċembru 2022 fil-Kawża T-260/21, Breuninger vs Il-Kummissjoni, sa fejn ir-rikors ġie miċħud u fejn E. Breuninger GmbH & Co. KG ġiet ikkundannata tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk inkorsi mill-Kummissjoni,

— tiddeċiedi l-kawża u tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża; sussidjarjament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix it-tilwima, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi t-tilwima konformement mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell huwa bbażat fuq erba’ aggravji.

L-ewwel, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE. Konformement mal-formulazzjoni u mal-iskop ta’ din id-dispożizzjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-effetti tad-deċiżjoni kontenzjuża, hija għandha tibbaża ruħha fuq il-kompetizzjoni bejn is-setturi ta’ produzzjoni ta’ kummerċ fiżiku bl-imnut ikkonċernati mil-lockdown u mhux fuq approċċ fil-livell tal-impriża li jinkludi setturi ta’ produzzjoni mhux ikkonċernati. Il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li, billi tat preferenza lid-distributuri li jwettqu biss kummerċ fiżiku bl-imnut għad-dannu tad-distributuri b’“diversi mezzi” bħall-appellanti, l-iskema ta’ għajnuna kkonċernata tipproduċi distorsjoni serja tal-kompetizzjoni kemm fil-kummerċ fiżiku bl-imnut kif ukoll fil-kummerċ online.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE. Hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Artikolu 107(3)(b) TFUE huwa dispożizzjoni derogatorja marbuta mal-kundizzjonijiet ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE. Minħabba dan l-iżball ta’ evalwazzjoni, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li, waqt l-eżami tagħha, il-Kummissjoni wettqet żball ta’ evalwazzjoni billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-effetti ta’ distorsjoni tal-kompetizzjoni tal-iskema ta’ għajnuna. Is-selettività tal-għajnuna minħabba l-kriterju ta’ eliġibbiltà “telf tad-dħul mill-bejgħ fil-livell tal-impriża” adottat barra minn hekk tikser il-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament, peress li l-appellanti ġarrbet inugwaljanza fit-trattament, minkejja li hija affettwata mill-għeluq li jikkonċerna s-settur ta’ produzzjoni “kummerċ fiżiku bl-imnut” bl-istess mod bħal ma huma l-kompetituri benefiċjarji.

It-tielet, il-Qorti Ġenerali, interpretat u kklassifikat b’mod żbaljat il-qafas temporanju tal-Kummissjoni li fuqu l-iskema ta’ għajnuna kontenzjuża kienet ibbażata. Il-qafas temporanju ma jippreżupponix il-perikolu għall-vijabbiltà tal-impriżi kkonċernati mil-lockdown. L-għan tal-għajnuna ma huwiex li jiġu sostnuti l-impriżi f’diffikultà, iżda pjuttost li l-impriżi kkonċernati jingħataw sostenn temporanju sabiex iwettqu l-attivitajiet tagħhom fis-setturi ta’ produzzjoni kkonċernati u li jiġu evitati ristrutturazzjonijiet li jiswew ħafna flus u li huma irreversibbli. Il-qafas temporanju għalhekk ma jipprevedix preċiżament approċċ fil-livell tal-impriża, iżda approċċ fis-setturi ta’ produzzjoni kkonċernati mill-għeluq.

Ir-raba’, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta’ liġi fl-interpretazzjoni tal-prinċipju ta’ proporzjonalità msemmi fl-Artikolu 5(4) TFUE. Il-kriterju ta’ eliġibbiltà bbażat fuq approċċ fil-livell tal-impriża la huwa xieraq u lanqas neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tal-iskema ta’ għajnuna, li huwa li s-setturi ta’ produzzjoni kkonċernati mill-għeluq dovut għall-pandemija tal-COVID-19 jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom billi jikkumpensaw l-ispejjeż fissi mhux koperti. Id-distorsjoni serja tal-kompetizzjoni kkawżata bil-kriterju ta’ eliġibbiltà adottat lanqas ma hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan – żbaljat – tal-iskema ta’ għajnuna. In-natura proporzjonali tal-iskema ta’ għajnuna kontenzjuża ma tistax tiġi ġġustifikata unikament bir-rekwiżit ta’ użu meqjus tar-riżorsi baġitarji, iktar u iktar peress li l-għajnuna għall-ispejjeż fissi tingħata lid-distributuri li jeżerċitaw kummerċ fiżiku bl-imnut li huma benefiċjarji indipendentement mill-profittabbiltà tagħhom u mill-fondi proprji tagħhom.

Appell ippreżentat fit-2 ta’ Marzu 2023 minn FALKE KGaA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiża) fil-21 ta’ Diċembru 2022 fil-Kawża T-306/21, Falke KGaA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-127/23 P)

(2023/C 155/53)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: FALKE KGaA (rappreżentant: R. Velte, Rechtsanwalt)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta’ Diċembru 2022 fil-Kawża T-306/21, Falke vs Il-Kummissjoni, sa fejn ir-rikors ġie miċħud (l-ewwel punt tad-dispożittiv) u fejn Falke KGaA ġiet ikkundannata tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk inkorsi mill-Kummissjoni (it-tieni punt tad-dispożittiv),

— tiddeċiedi l-kawża u tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża; sussidjarjament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix it-tilwima, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi t-tilwima konformement mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell huwa bbażat fuq erba’ aggravji.

L-ewwel, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE. Konformement mal-formulazzjoni u mal-iskop ta’ din id-dispożizzjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-effetti tad-deċiżjoni kontenzjuża, hija għandha tibbaża ruħha fuq il-kompetizzjoni bejn is-setturi ta’ produzzjoni ta’ kummerċ fiżiku bl-imnut ikkonċernati mil-lockdown u mhux fuq approċċ fil-livell tal-impriża li jinkludi setturi ta’ produzzjoni mhux ikkonċernati. Il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li, billi tat preferenza lid-distributuri li jwettqu biss kummerċ fiżiku bl-imnut għad-dannu tad-distributuri b’“diversi mezzi” bħall-appellanti, l-iskema ta’ għajnuna kkonċernata tipproduċi distorsjoni serja tal-kompetizzjoni kemm fil-kummerċ fiżiku bl-imnut kif ukoll fil-kummerċ online.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE. Hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Artikolu 107(3)(b) TFUE huwa dispożizzjoni derogatorja marbuta mal-kundizzjonijiet ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE. Minħabba dan l-iżball ta’ evalwazzjoni, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li, waqt l-eżami tagħha, il-Kummissjoni wettqet żball ta’ evalwazzjoni billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-effetti ta’ distorsjoni tal-kompetizzjoni tal-iskema ta’ għajnuna. Is-selettività tal-għajnuna minħabba l-kriterju ta’ eliġibbiltà “telf tad-dħul mill-bejgħ fil-livell tal-impriża” adottat barra minn hekk tikser il-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament, peress li l-appellanti ġarrbet inugwaljanza fit-trattament, minkejja li hija affettwata mill-għeluq li jikkonċerna s-settur ta’ produzzjoni “kummerċ fiżiku bl-imnut” bl-istess mod bħal ma huma l-kompetituri benefiċjarji.

It-tielet, il-Qorti Ġenerali, interpretat u kklassifikat b'mod żbaljat il-qafas temporanju tal-Kummissjoni li fuqu l-iskema ta' għajnuna kontenzjuża kienet ibbażata. Il-qafas temporanju ma jippreżupponix il-perikolu għall-vijabbiltà tal-impriżi kkonċernati mil-lockdown. L-għan tal-għajnuna ma huwiex li jiġu sostnuti l-impriżi f'diffikultà, iżda pjuttost li l-impriżi kkonċernati jingħataw sostenn temporanju sabiex iwettqu l-attivitajiet tagħhom fis-setturi ta' produzzjoni kkonċernati u li jiġu evitati ristrutturazzjonijiet li jiswew ħafna flus u li huma irreversibbli. Il-qafas temporanju għalhekk ma jipprevedix preċiżament approċċ fil-livell tal-impriża, iżda approċċ fis-setturi ta' produzzjoni kkonċernati mill-għeluq.

Ir-raba', l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità msemmi fl-Artikolu 5(4) TFUE. Il-kriterju ta' eliġibbiltà bbażat fuq approċċ fil-livell tal-impriża la huwa xieraq u lanqas neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tal-iskema ta' għajnuna, li huwa li s-setturi ta' produzzjoni kkonċernati mill-għeluq dovut għall-pandemija tal-COVID-19 jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom billi jikkumpensaw l-ispejjeż fissi mhux koperti. Id-distorsjoni serja tal-kompetizzjoni kkawżata bil-kriterju ta' eliġibbiltà adottat lanqas ma hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan – żbaljat – tal-iskema ta' għajnuna. In-natura proporzjonali tal-iskema ta' għajnuna kontenzjuża ma tistax tiġi ġġustifikata unikament bir-rekwiżit ta' użu meqjus tar-riżorsi baġitarji, iktar u iktar peress li l-għajnuna għall-ispejjeż fissi tingħata lid-distributuri li jeżerċitaw kummerċ fiżiku bl-imnut li huma benefiċjarji indipendentement mill-profittabbiltà tagħhom u mill-fondi proprji tagħhom.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja

(Kawża C-147/23)

(2023/C 155/54)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Owsiany-Hornung, J. Baquero Cruz, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika tal-Polonja

Talbiet

Il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li billi naqset milli tadotta l-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni [1], u billi naqset milli tikkomunika l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 26(1) u (3) tal-imsemmija direttiva;

— tikkundanna lill-Polonja tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa li tikkorrispondi għall-ogħla ammont mit-tnejn li ġejjin: i) ammont ta' kuljum ta' EUR 13 700 immultiplikat bin-numru ta' jiem li ddekorrew bejn id-data ta' wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni stabbilit fl-imsemmija direttiva u d-data li fih intemm il-ksur, jew, fil-każ fejn is-sitwazzjoni ma tkunx ġiet irregolarizzata, id-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni; ii) somma f'daqqa minima ta' EUR 3 836 000;

— fil-każ fejn in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat fl-ewwel inċiż ikompli sad-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni, tikkundanna lill-Polonja tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità ta' EUR 53 430 għal kull jum ta' dewmien ikkalkolat mid-data ta' għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni sad-data li fiha l-Polonja tikkonforma ruħha mal-obbligi taħt id-Direttiva; u

— tikkundanna lill-Polonja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2019/1937 tistabbilixxi sistema effikaċi għall-protezzjoni tal-persuni li jaħdmu fi ħdan organizzazzjoni privata jew pubblika jew li jżommu kuntatt ma' tali organizzazzjonijiet meta dawn il-persuni jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni f'ċerti oqsma.

Konformement mal-Artikolu 26(1) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri kellhom obbligu li jadottaw liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva sa mhux iktar tard mis-17 ta' Diċembru 2021. Konformement mal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, l-Istati Membri kellhom ukoll l-obbligu li jikkomunikaw immedjatament lill-Kumissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet adottati.

Il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lill-Polonja fis-27 ta' Jannar 2022. Fil-15 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lill-Polonja. Minkejja dan, il-miżuri ta' traspożizzjoni baqgħu ma ġewx adottati mir-Repubblika tal-Polonja u lanqas ma ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni.

(1) ĠU 2019, L 305, p. 17.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

(Kawża C-149/23)

(2023/C 155/55)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u L. Mantl aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Talbiet

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha

— tiddikjara li billi naqset milli tadotta l-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2019/1937 ([1]), jew fi kwalunkwe każ billi naqset milli tikkomunika l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 26(1) u (3) tal-imsemmija direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa li tikkorrispondi għall-ogħla ammont mit-tnejn li ġejjin: i) ammont ta' kuljum ta' EUR 61 600 immultiplikat bin-numru ta' jiem li ddekorrew bejn id-data ta' wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni stabbilit fl-imsemmija direttiva u d-data li fih intemm il-ksur, jew, fil-każ fejn is-sitwazzjoni ma tkunx ġiet ir-regolarizzata, id-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni; ii) somma f'daqqa minima ta' EUR 17 248 000;

— fil-każ fejn in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat fl-ewwel inċiż ikompli sad-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni, tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tħallas lill-Kummissjoni pagament ta' penalità ta' EUR 240 240 għal kull jum ta' dewmien ikkalkolat mid-data ta' għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni sad-data li fiha tikkonforma ruħha mal-obbligi taħt id-Direttiva; u

— tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 2019/1937, li hija intiża sabiex toħloq sistema effikaċi għall-protezzjoni ta' persuni li jaħdmu f'organizzazzjoni privata jew pubblika jew li huma f'kuntatt ma' tali organizzazzjonijiet fil-każ li jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni f'oqsma speċifiċi. Bis-saħħa tal-Artikolu 26(1) tad-direttiva, l-Istati Membri kellhom idaħħlu fis-seħħ jew jadottaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jittrasponu d-Direttiva sa mhux iktar tard mis-17 ta' Diċembru 2021. Barra minn hekk, bis-saħħa tal-Artikolu 26(3) tad-Direttiva, l-Istati Membri kellhom ukoll l-obbligu li jikkomunikaw lill-Kummissjoni bil-leġiżlazzjoni adottata mingħajr dewmien.

Skont il-Kummissjoni, il-miżuri għat-traspożizzjoni sħiħa tad-direttiva għadhom ma ġewx adottati mill-Ġermanja jew, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma ġietx ikkomunikata iktar minn 13-il xahar wara li skada l-perijodu ta' traspożizzjoni.

(1) Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU 2019, L 305, p. 17).

Rikors ippreżentat fit-13 ta’ Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-150/23)

(2023/C 155/56)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u T. Materne, aġenti)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

Talbiet

Il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li billi naqas milli jadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta’ persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni ([1]), u billi naqas milli jikkomunika l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu bis-saħħa tal-Artikolu 26(1) u (3) tal-imsemmija direttiva;

— tikkundanna lil-Lussemburgu jħallas lill-Kummissjoni somma f’daqqa li tikkorrispondi għall-ogħla ammont mit-tnejn li ġejjin: i) ammont ta’ kuljum ta’ EUR 900 immultiplikat bin-numru ta’ jiem li ddekorrew bejn id-data ta’ wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni stabbilit fl-imsemmija direttiva u d-data li fih intemm il-ksur, jew, fil-każ fejn is-sitwazzjoni ma tkunx ġiet ir-regolarizzata, id-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni; ii) somma f’daqqa minima ta’ EUR 252 000;

— fil-każ fejn in-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu kkonstatat fl-ewwel inċiż ikompli sad-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni, tikkundanna lil-Lussemburgu jħallas lill-Kummissjoni pagament ta’ penalità ta’ EUR 3 150 għal kull jum ta’ dewmien ikkalkolat mid-data ta’ għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni sad-data li fiha l-Lussemburgu jikkonforma ruħu mal-obbligi taħt id-Direttiva; u

— tikkundanna lil-Lussemburgu għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2019/1937 tistabbilixxi sistema effikaċi għall-protezzjoni tal-persuni li jaħdmu fi ħdan organizzazzjoni privata jew pubblika jew li jżommu kuntatt ma’ tali organizzazzjonijiet meta dawn il-persuni jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni f’ċerti oqsma.

Konformement mal-Artikolu 26(1) ta’ din id-direttiva, l-Istati Membri kellhom obbligu li jadottaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva sa mhux iktar tard mis-17 ta’ Diċembru 2021. Konformement mal-paragrafu 3 ta’ dan l-artikolu, l-Istati Membri kellhom ukoll l-obbligu li jikkomunikaw immedjatament lill-Kumissjoni t-test ta’ dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-Kummissjoni bagħtet ittra ta’ intimazzjoni lil-Lussemburgu fil-21 ta’ Jannar 2022. Fil-15 ta’ Lulju 2022, il-Kummissjoni baghtet opinjoni motivata lil-Lussemburgu. Minkejja dan, il-miżuri ta’ traspożizzjoni baqgħu ma ġewx adottati mil-Lussemburgu u lanqas ma ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU 2019, L 305, p. 17.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ċeka

(Kawża C-152/23)

(2023/C 155/57)

Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Salyková, J. Baquero Cruz, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika Ċeka

Talbiet

Il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li billi naqset milli tadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni ([1]), u billi naqset milli tikkomunika l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Ċeka naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 26(1) u (3) tal-imsemmija direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika Ċeka tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa li tikkorrispondi għall-ogħla ammont mit-tnejn li ġejjin: i) ammont ta' kuljum ta' EUR 4 900 immultiplikat bin-numru ta' jiem li ddekorrew bejn id-data ta' wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni stabbilit fl-imsemmija direttiva u d-data li fih intemm il-ksur, jew, fil-każ fejn is-sitwazzjoni ma tkunx ġiet ir-regolarizzata, id-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni; ii) somma f'daqqa minima ta' EUR 1 372 000;

— fil-każ fejn in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat fl-ewwel inċiż ikompli sad-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni, tikkundanna lir-Repubblika Ċeka tħallas lill-Kummissjoni pagament ta' penalità ta' EUR 19 110 għal kull jum ta' dewmien ikkalkolat mid-data ta' għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni sad-data li fiha r-Repubblika Ċeka tikkonforma ruħha mal-obbligi taħt id-Direttiva; u

— tikkundanna lir-Repubblika Ċeka għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2019/1937 tistabbilixxi sistema effikaċi għall-protezzjoni tal-persuni li jaħdmu fi ħdan organizzazzjoni privata jew pubblika jew li jżommu kuntatt ma' tali organizzazzjonijiet meta dawn il-persuni jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni f'ċerti oqsma.

Konformement mal-Artikolu 26(1) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri kellhom obbligu li jadottaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva sa mhux iktar tard mis-17 ta' Diċembru 2021. Konformement mal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, l-Istati Membri kellhom ukoll l-obbligu li jikkomunikaw immedjatament lill-Kumissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-Kummissjoni baghtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Ċeka fis-27 ta' Jannar 2022. Fil-15 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni baghtet opinjoni motivata lir-Repubblika Ċeka. Minkejja dan, il-miżuri ta' traspożizzjoni baqgħu ma ġewx adottati mir-Repubblika Ċeka u lanqas ma ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU 2019, L 305, p. 17.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonja

(Kawża C-154/23)

(2023/C 155/58)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u L. Maran, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika tal-Estonja

Talbiet

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li billi naqset milli tadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni ([1]), u billi naqset milli tikkomunika l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Estonja naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 26 (1) u (3);

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Estonja tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa li tikkorrispondi għall-ogħla ammont mit-tnejn li ġejjin: i) ammont ta' kuljum ta' EUR 600 immultiplikat bin-numru ta' jiem li ddekorrew bejn id-data ta' wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni stabbilit fl-imsemmija direttiva u d-data li fih intemm il-ksur, jew, fil-każ fejn is-sitwazzjoni ma tkunx ġiet ir-regolarizzata, id-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni, jew ii) somma f'daqqa minima ta' EUR 168 000;

— fil-każ fejn in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat fl-ewwel inċiż ikompli sad-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni, tikkundanna lir-Repubblika tal-Estonja tħallas lill-Kummissjoni pagament ta' penalità ta' EUR 2 340 għal kull jum ta' dewmien ikkalkolat mid-data ta' għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni sad-data li fiha tikkonforma ruħha mal-obbligi imposti fuqha skont l-imsemmija direttiva; u

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Estonja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni tistabbilixxi sistema effikaċi għall-protezzjoni tal-persuni li jaħdmu f'organizzazzjoni privata jew pubblika jew li huma f'kuntatt ma' tali organizzazzjonijiet fil-każ li jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni f'oqsma speċifiċi.

Skont l-Artikolu 26(1) tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' dak stabbilit fl-imsemmija direttiva sa mhux iktar tard mis-17 ta' Diċembru 2021. Barra minn hekk, bis-saħħa tal-Artikolu 26(3) tad-Direttiva, l-Istati Membri kellhom ukoll l-obbligu li jikkomunikaw lill-Kummissjoni bil-leġiżlazzjoni adottata mingħajr dewmien.

Peress li l-Kummissjoni ma kienet irċeviet l-ebda komunikazzjoni mill-Estonja dwar l-adozzjoni tar-regoli meħtieġa sabiex tikkonforma mad-Direttiva, hija bagħtet ittra ta' intimazzjoni lill-Estonja fis-27 ta' Jannar 2022. Peress li l-Estonja ma kinitx ikkomunikat it-traspożizzjoni tad-Direttiva, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lill-Estonja permezz ta' ittra datata 15 ta' Lulju 2022, li fiha talbitha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma mad-Direttiva fi żmien xahrejn minn meta bagħtet l-opinjoni motivata.

Ir-Repubblika tal-Estonja għadha ma adottatx jew ma kkomunikatx lill-Kummissjoni l-miżuri meħtieġa għat-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva.

([1]) ĠU 2019, L 305, p. 17.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija

(Kawża C-155/23)

(2023/C 155/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u A. Tokár, aġenti)

Konvenut: L-Ungerija

Talbiet

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

(1) Tiddikjara li billi naqset milli tadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni ([1]), u billi naqset milli tikkomunika l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea, l-Ungerija naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 26(1) u (3).

(2) Tikkundanna lill-Ungerija tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa li tikkorrispondi għall-ogħla ammont mit-tnejn li ġejjin: i) ammont ta' kuljum ta' EUR 3 500 immultiplikat bin-numru ta' jiem li ddekorrew bejn id-data ta' wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni stabbilit fl-imsemmija direttiva u d-data li fih intemm il-ksur, jew, fil-każ fejn is-sitwazzjoni ma tkunx ġiet ir-regolarizzata, id-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni, jew ii) somma f'daqqa minima ta' EUR 980 000.

(3) Fil-każ fejn in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat fl-ewwel inċiż ikompli sad-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni, tikkundanna lill-Ungerija tħallas lill-Kummissjoni pagament ta' penalità ta' EUR 13 650 għal kull jum ta' dewmien ikkalkolat mid-data ta' għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni sad-data li fiha tikkonforma ruħha mal-obbligi imposti fuqha skont l-imsemmija direttiva.

(4) Tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tistabbilixxi sistema effikaċi għall-protezzjoni tal-persuni li jaħdmu fis-settur privat jew pubbliku jew li għandhom relazzjoni ma' dawn is-setturi u li jinformaw dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni f'oqsma speċifiċi. Skont l-Artikolu 26(1) tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' dak stabbilit fl-imsemmija direttiva sa mhux iktar tard mis-17 ta' Diċembru 2021. Il-paragrafu 3 ta' dan l-istess artikolu jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-test tal-imsemmija dispożizzjonijiet.

Il-Kummissjoni bagħtet lill-Ungerija intimazzjoni fis-27 ta' Jannar 2022 u opinjoni motivata fit-22 ta' Lulju 2022. Madankollu, l-Ungerija la adottat id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex tikkonforma ma' dak stabbilit fl-imsemmija direttiva u lanqas ikkomunikathom lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU 2019, L 305, p. 17.

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Sánchez-Gavito León vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni

(Kawża T-100/21) [1]

("Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton – Deċiżjoni (UE) 2017/876 – Persunal ta' organizzazzjoni internazzjonali li l-Unjoni ssieħbet magħha – Ftehim dwar il-kundizzjonijiet ta' tluq tar-rikorrenti – Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni – Assenza parzjali ta' talba li tittieħed azzjoni – Assenza ta' locus standi – Inammissibbiltà – Responsabbiltà – Rabta kawżali")

(2023/C 155/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Maria del Carmen Sánchez-Gavito León (Reston, Virginia, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Veissiere, avukata)

Konvenuti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Antoniadis, M. Bauer u A. Boggio-Tomasaz, aġenti), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Lilamand u M. Monfort, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikoli 265 u 268 TFUE, ir-rikorrenti titlob, minn naħa, il-konstatazzjoni tan-nuqqas illegali li tittieħed azzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Kummissjoni Ewropea, sa fejn dawn l-istituzzjonijiet allegatament astjenew illegalment milli jaġixxu wara l-istedina li saritilhom formalment mir-rikorrenti, ċittadina Spanjola u ex uffiċjal tal-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton (ICAC), li l-Unjoni ssieħbet miegħu permezz tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/876 tat-18 ta' Mejju 2017 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton (ICAC) (ĠU 2017, L 134, p. 23) u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-dannu li hija allegatament sofriet minħabba l-aġir tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tal-membri tal-persunal tagħhom, li astjenew milli jaġixxu minkejja li huma kellhom għarfien tas-sitwazzjoni ta' fastidju li r-rikorrenti kienet vittma tiegħu min-naħa tad-direttur eżekuttiv tal-ICAC u tan-nuqqas ta' osservanza minn dan tal-aħħar tal-ftehim dwar il-kundizzjonijiet ta' tluq tar-rikorrenti mis-segretarjat tal-ICAC, kif ukoll tal-assenza ta' kull rimedju ta' natura li jippermetti lir-rikorrenti tagħmel l-ilmenti tagħha.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) María del Carmen Sánchez-Gavito León hija kkundannata għall-ispejjeż.

[1] ĠU C 182, 10.5.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Il-Bulgarija vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-235/21) [1]

("FAEG u FAEŻR – Infiq eskluż mill-finanzjament – Infiq imwettaq mill-Bulgarija – Azzjonijiet ta' promozzjoni – Rapport ta' investigazzjoni tal-OLAF – Clearance ta' konformità – Obbligu ta' motivazzjoni")

(2023/C 155/61)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Partijiet

Rikorrent: Ir-Repubblika tal-Bulgarija (rappreżentanti: T. Mitova u L. Zaharieva, aġenti)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Koleva, J. Aquilina u A. Sauka, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-Repubblika tal-Bulgarija titlob l-annulament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/261 tas-17 ta' Frar 2021 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2021, L 59, p. 10), sa fejn din tirrigwarda ċertu nfiq imwettaq minnha.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ir-Repubblika tal-Bulgarija hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 263, 5.7.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Sympatex Technologies vs EUIPO – Liwe Española (Sympathy Inside)

(Kawża T-372/21) (1)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Sympathy Inside – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea INSIDE. – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001] – Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti – Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1)] – Assenza ta' bidla tal-karattru distintiv")

(2023/C 155/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Sympatex Technologies (Unterföhring, il-Ġermanja) (rappreżentant: E. Strauß, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Predonzani u D. Gája, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Liwe Española, SA (Puente Tocinos, Spanja) (rappreżentant: Á. Pérez Lluna, avukat)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropa (EUIPO) tas-26 ta' April 2021 (Każ R 1777/2018-5).

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Sympatex Technologies GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 329, 16.8.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Assaad vs Il-Kunsill

(Kawża T-426/21) [1]

("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja – Iffriżar ta' fondi – Żbalji ta' evalwazzjoni – Retroattività – Aspettattivi leġittimi – Ċertezza legali – Awtorità ta' res judicata")

(2023/C 155/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Nizar Assaad (Bejrut, il-Libanu) (rappreżentanti: M. Lester, KC, G. Martin u C. Enderby Smith, solicitors)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Haas u M. Bishop, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/751 tas-6 ta' Mejju 2021 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2021, L 160, p. 115), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/743 tas-6 ta' Mejju 2021 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2021, L 160, p. 1), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/849 tat-30 ta' Mejju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2022, L 148, p. 52), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/840 tat-30 ta' Mejju 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2022, L 148, p. 8), sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh.

Dispożittiv

1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/751 tas-6 ta' Mejju 2021 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/743 tas-6 ta' Mejju 2021 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/849 tat-30 ta' Mejju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/840 tat-30 ta' Mejju 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, huma annullati sa fejn dawn jirrigwardaw lil Nizar Assaad.

2) L-effetti tad-Deċiżjoni 2022/849 huma miżmuma fil-konfront ta' Nizar Assaad sad-data tal-iskadenza tat-terminu tal-appell jew, jekk jiġi ppreżentat appell f'dan it-terminu, saċ-ċaħda eventwali tal-appell.

3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

[1] ĠU C 338, 23.8.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Société des produits Nestlé vs EUIPO – The a2 Milk Company (A 2)

(Kawża T-759/21) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva A 2 – Reġistrazzjoni internazzjonali preċedenti – Trade mark figurattiva THE a2 MILK COMPANY THE a2 MILK COMPANY – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")

(2023/C 155/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Société des produits Nestlé SA (Vevey, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. Jaeger-Lenz u J. Thomsen, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Nicolás Gómez u M. Eberl, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: The a2 Milk Company Ltd (Auckland, in-New Zealand) (rappreżentanti: M. Hawkins, T. Dolde u C. Zimmer, avukati)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjon Ewropea (EUIPO) tal-15 ta' Ottubru 2021 (Każ R 2447/2020-4).

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Société des produits Nestlé SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 37, 24.1.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – SE vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-763/21) ([1])

("Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Reklutaġġ – Programm pilota tal-Kummissjoni intiż għar-reklutaġġ ta' amministraturi subalterni – Ċaħda ta' kandidatura – Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà – Kriterju ta' perijodu massimu ta' tliet snin esperjenza professjonali – Ugwaljanza fit-trattament – Diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' età")

(2023/C 155/65)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: SE (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Schima, L. Vernier u I. Melo Sampaio, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrent jitlob, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' April 2021, li permezz tagħha ġiet miċħuda l-kandidatura tiegħu għall-Programm pilota "Juniors professionals" u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-dannu li allegatament ġarrab minħabba din id-deċiżjoni.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) SE huwa kkundannat għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 73, 14.2.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – PS vs BEI

(Kawża T-65/22) ([1])

("Servizz pubbliku – Persunal tal-BEI – Sigurtá soċjali – Sistema ta' assigurazzjoni tal-inċidenti fuq ix-xogħol u tal-mard professjonali – Invalidità totali u permanenti – Oriġini professjonali tal-marda – Kuntratt konkluż ma' kumpannija ta' assigurazzjoni – Estensjoni tal-obbligi li jibqgħu fir-responsabbiltà tal-BEI")

(2023/C 155/66)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: PS (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: K. Carr u E. Manoukian, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE u fuq l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-rikorrent jitlob, fl-ewwel lok, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) tat-12 ta' Lulju 2021 sa fejn tirrifjutalu l-ħlas ta' EUR 233 500 bħala danni materjali u morali, fit-tieni lok, il-kundanna tal-BEI li tħallsu kumpens għal marda professjonali li huwa allegatament laqat u, fit-tielet lok, il-kundanna tal-BEI għall-ħlas tas-somma ta' EUR 24 000 b'kumpens tad-dannu morali allegat fid-dawl tal-istat tas-saħħa tiegħu.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) PS huwa kkundannat għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 128, 21.3.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Novasol vs ECHA

(Kawża T-70/22) ([1])

("REACH – Tariffa dovuta għar-reġistrazzjoni ta' sustanza – Tnaqqis mogħti lill-SMEs – Verifika mill-ECHA tad-dikjarazzjoni dwar id-daqs tal-impriża – Talba għal provi li juru l-istatus ta' impriżi żgħar u medji – Rifjut li tingħata ċerta informazzjoni – Deċiżjoni li tordna l-irkupru tal-bilanċ mhux miġbur tat-tariffa dovuta u li timponi tariffa amministrattiva – Kunċett ta' 'impriża relatata" – Rakkomandazzjoni 2003/361/KE – Obbligu ta' motivazzjoni")

(2023/C 155/67)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Novasol (Kraainem, il-Belġju) (rappreżentanti: C. Alter u G. Bouton, avukati)

Konvenut: Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: F. Becker, S. Mahoney u M. Heikkilä, aġenti, assistiti minn A. Guillerme, avukata)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni SME D (2021) 8531-DC tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), tal-25 ta' Novembru 2021, filwaqt li jinnota li ma pproduċietx il-prova meħtieġa sabiex tibbenefika mit-tnaqqis tat-tariffa pprovdut għall-impriżi ta' daqs medju u għalhekk talbitha tħallas id-differenza bejn l-ammont tal-ħlasijiet diġà mħallsa minnha u l-ammont tal-ħlasijiet applikabbli għall-kumpaniji l-kbar kif ukoll miżata amministrattiv ta' ammont ta' EUR 19 900.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Novasol hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 138, 28.3.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Kande Mupompa vs Il-Kunsill

(Kawża T-90/22) (1)

(“Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta' fondi – Restrizzjoni fil-qasam tal-ammissjoni fit-territorji tal-Istati Membri – Żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi tal-persuni kkonċernati – Dritt għal smigħ – Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni u taż-żamma fil-listi – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Kontinwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi li wasslu għall-adozzjoni tal-miżuri restrittivi”)

(2023/C 155/68)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Alex Kande Mupompa (Kinxasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, A. Guillerme u T. Payan, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Lejeune u B. Driessen, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2181 tad-9 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 75), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2177 tad-9 ta' Diċembru 2021 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 3), sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Alex Kande Mupompa huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 148, 4.4.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Amisi Kumba vs Il-Kunsill

(Kawża T-92/22) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta' fondi – Restrizzjoni fil-qasam tal-ammissjoni fit-territorji tal-Istati Membri – Żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi tal-persuni kkonċernati – Dritt għal smigħ – Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni u taż-żamma fil-listi – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Kontinwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi li wasslu għall-adozzjoni tal-miżuri restrittivi")

(2023/C 155/69)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Gabriel Amisi Kumba (Kinshasa, ir-Repubblika Demokatika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, A. Guillerme u T. Payan, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u M.-C. Cadilhac, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2181 tad-9 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 75), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2177 tad-9 ta' Diċembru 2021 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 3), sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Gabriel Amisi Kumba huwa kkundannat għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 148, 4.4.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Ramazani Shadary vs Il-Kunsill

(Kawża T-93/22) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta' fondi – Restrizzjoni fil-qasam ta' ammissjoni fit-territorji tal-Istati Membri – Żamma tal-isem tar-rikorrent fil-listi tal-persuni koperti – Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni u taż-żamma fil-listi – Bdil fiċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi li wassal għall-adozzjoni tal-miżuri restrittivi")

(2023/C 155/70)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Emmanuel Ramazani Shadary (Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, A. Guillerme u T. Payan, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Lejeune u B. Driessen, aġenti)

Suġġett

Bir-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2181 tad-9 ta’ Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 75), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2177 tad-9 ta’ Diċembru 2021 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 3), sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh.

Dispożittiv

1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2181 tad-9 ta’ Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo, u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2177 tad-9 ta’ Diċembru 2021 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, huma annullati sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lil Emmanuel Ramazani Shadary.

2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 148, 4.4.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta’ Marzu 2023 – Kanyama vs Il-Kunsill

(Kawża T-95/22) (1)

(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta’ fondi – Restrizzjoni fil-qasam tal-ammissjoni fit-territorji tal-Istati Membri – Żamma ta’ isem ir-rikorrent fil-listi tal-persuni kkonċernati – Dritt għal smigħ – Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni u taż-żamma fil-listi – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Kontinwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta’ fatt u ta’ liġi li wasslu għall-adozzjoni tal-miżuri restrittivi”)

(2023/C 155/71)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Célestin Kanyama (Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, A. Guillerme u T. Payan, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M.-C. Cadilhac u S. Lejeune, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2181 tad-9 ta’ Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 75), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2177 tad-9 ta’ Diċembru 2021 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 3), sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Célestin Kanyama huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 148, 4.4.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Kampete vs Il-Kunsill

(Kawża T-96/22) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta' fondi – Restrizzjoni fil-qasam tal-ammissjoni fit-territorji tal-Istati Membri – Żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi tal-persuni kkonċernati – Dritt għal smigħ – Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni u taż-żamma fil-listi – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Kontinwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi li wasslu għall-adozzjoni tal-miżuri restrittivi")

(2023/C 155/72)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Ilunga Kampete (Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, A. Guillerme u T. Payan, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u M.-C. Cadilhac, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2181 tad-9 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 75), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2177 tad-9 ta' Diċembru 2021 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 3), sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ilunga Kampete huwa kkundannat għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 148, 4.4.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Boshab vs Il-Kunsill

(Kawża T-98/22) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta' fondi – Restrizzjoni fil-qasam tal-ammissjoni fit-territorji tal-Istati Membri – Żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi tal-persuni kkonċernati – Dritt għal smigħ – Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni u taż-żamma fil-listi – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Kontinwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi li wasslu għall-adozzjoni tal-miżuri restrittivi")

(2023/C 155/73)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Évariste Boshab (Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, A. Guillerme u T. Payan, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Lejeune u B. Driessen, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2181 tad-9 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 75), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2177 tad-9 ta' Diċembru 2021 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2021, L 443, p. 3), sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Évariste Boshab huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 148, 4.4.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Gönenç vs EUIPO – Solar (termorad ALUMINIUM PANEL RADIATOR)

(Kawża T-172/22) (1)

(Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva TERMORAD ALUMINIUM PANEL RADIATOR – Trade mark tal-Benelux verbali preċedenti THERMRAD – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)

(2023/C 155/74)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Salim Selahaddin Gönenç (Konya, it-Turkija) (rappreżentant: V. Martín Santos, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Eberl u J. Ivanauskas, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Solar A/S (Vejen, id-Danimarka) (rappreżentant: L. Elmgaard Sørensen, avukata)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-18 ta' Jannar 2022 (Każ R 770/2021-2).

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Salim Selahaddin Gönenç huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal dawk sostnuti, fil-kuntest ta' din il-proċedura, mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Solar A/S.

(1) ĠU C 207, 23.5.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023 – Prigozhina vs Il-Kunsill

(Kawża T-212/22) ([1])

("Politika barranija u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-Ukraina – Iffriżar tal-fondi – Restrizzjonijiet fil-qasam ta' ammissjoni fuq it-territorju tal-Istati Membri – Lista tal-persuni, entitajiet u organi li japplika għalihom l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-lista – Familja ta' persuna responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina – Kunċett ta' 'assoċjazzjoni' – Żball ta' evalwazzjoni")

(2023/C 155/75)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Violetta Prigozhina (Saint-Petersburg, ir-Russja) (rappreżentant: M. Cessieux, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M.-C. Cadilhac u V. Piessevaux, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/265 tat-23 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 42 I, p. 98), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/260 tat-23 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (JO 2022, L 42 I, p. 3), inkwantu isimha ġie inkluż fil-listi ta' persuni u entitajiet li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 16), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 6).

Dispożittiv

1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/265 tat-23 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 42 I, p. 98), u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/260 tat-23 ta' Frar 2022 li timplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (JO 2022, L 42 I, p. 3), huma annullati, sa fejn isem Violetta Prigozhina ġie inkluż fuq il-listi ta' persuni u entitajiet li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK u fl-Anness I tal-imsemmi regolament.

2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Violetta Prigozhina.

([1]) ĠU C 237, 20.6.2022.

Digriet tal-Viċi President tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2023 – Telefónica de España vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-170/22 R-RENV)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Servizzi Trans-Ewropej Sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet (TESTA) – Talba għal miżuri provviżorji – Assenza ta' fumus boni juris”)

(2023/C 155/76)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Telefónica de España, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: F. González-Díaz, J. Blanco Carol, avukati, u P. Stuart, Barrister)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. André u M. Ilkova, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-konvenuta: BT Global Services Belgium BV (Machelen, il-Belġju) (rappreżentanti: V. Dor, A. Lepièce u M. Vilain XIIII, avukati)

Suġġett

Permezz tat-talba tagħha bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE, ir-rikorrenti titlob minn naħa, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Jannar 2022 dwar is-sejħa għal offerti DIGI-T/A 3/PR/2019/010, intitolata “Servizzi Trans-Ewropej Sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet (TESTA)”, li tinformaha li l-offerta tagħha ma ġietx aċċettata fil-kuntest tal-proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku u li tħabbar l-iffirmar imminenti tal-kuntratt mal-offerent rebbieħ u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni tiġi ordnata tissospendi l-iffirmar ta' dan il-kuntratt.

Dispożittiv

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) Id-digriet tal-1 ta' April 2022, Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (T-170/22 R), huwa mħassar.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Marzu 2023 – Mazepin vs Il-Kunsill

(Kawża T-743/22 R)

(“Miżuri provviżorji – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet tar-Russja li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina – Iffriżar ta' fondi – Talba għal miżuri provviżorji – Fumus boni juris – Urġenza – Ibbilanċjar tal-interessi”)

(2023/C 155/77)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Nikita Dmitrievich Mazepin (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: D. Rovetta, M. Campa, M. Moretto, V. Villante, T. Marembert u A. Bass, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Rurarz u P. Mahnič, aġenti)

Suġġett

Permezz tat-talba tiegħu bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE, ir-rikorrent jitlob, minn naħa, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 tal-14 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 239, p. 149), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 tal-14 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 239, p. 1), u tal-att tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2022 li jżomm ismu fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi suġġetti għal miżuri restrittivi skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 16), kif emendata, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 6, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 64), kif emendat, sa fejn dawn l-atti jipprekluduh milli jinnegozja r-reklutaġġ tiegħu bħala sewwieq professjonali tal-Formula 1 jew bħala sewwieq ta' kampjonati sportivi oħra li jsiru wkoll jew biss fit-territorju tal-Unjoni Ewropea kif ukoll li jieħu sehem fil-Grand Prix, provi, taħriġ u sessjonijiet liberi tal-Formula 1 u fil-kampjonati l-oħra tal-isport tal-karozzi, tlielaq, provi, taħriġ u sessjonijiet liberi li jsiru fit-territorju tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, l-għoti tal-miżuri provviżorji kollha li jippermettulu jinnegozja r-reklutaġġ tiegħu bħala sewwieq professjonali tal-Formula 1 jew bħala sewwieq ta' kampjonati oħra tal-isport tal-karozzi li jsiru wkoll jew biss fit-territorju tal-Unjoni, li jiġi rreklutat bħala sewwieq mit-timijiet li jipparteċipaw fil-kampjonati inkwistjoni kif ukoll li jeżerċita d-drittijiet u jwettaq l-obbligi li joħorġu mir-reklutaġġ inkwistjoni, inkluż li jieħu sehem fil-Grand Prix, provi, taħriġ u sessjonijiet liberi tal-Formula 1 u fil-kampjonati l-oħra, tlielaq, taħriġ u sessjonijiet liberi tal-isport tal-karozzi li jseħħu fit-territorju tal-Unjoni.

Dispożittiv

1) Hija sospiża l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 tal-14 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 tal-14 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u tal-att tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2022 li jżomm ismu fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi suġġetti għal miżuri restrittivi skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif emendata, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif emendat, sa fejn isem N. Mazepin inżamm fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi u biss sa fejn dan ikun meħtieġ sabiex ikun jista' jinnegozja r-reklutaġġ tiegħu bħala sewwieq professjonali tal-Formula 1 jew bħala sewwieq f'kampjonati oħra tal-isport tal-karozzi li jsiru wkoll jew biss fit-territorju tal-Unjoni, kif ukoll biex jieħu sehem fil-Grand Prix, provi, taħriġ u sessjonijiet liberi tal-Formula 1 u fil-kampjonati l-oħra, tlielaq, taħriġ u sessjonijiet liberi tal-isport tal-karozzi li jseħħu fit-territorju tal-Unjoni. Għal dan il-għan N. Mazepin huwa permess biss li, l-ewwel, jidħol fit-territorju tal-Unjoni sabiex jinnegozja u jikkonkludi ftehimiet ma' tim tat-tlielaq jew ma' sponsors li ma humiex relatati mal-attivitajiet ta' N. Dmitry Arkadievich Mazepin jew relatati ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li isimhom jidher fil-listi inklużi fl-anness tad-Deċiżjoni 2014/145 u tar-Regolament Nru 269/2014, it-tieni, li jidħol fit-territorju tal-Unjoni sabiex jipparteċipa bħala sewwieq titulari jew ta' riżerva fil-kampjonati tal-Formula 1 tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Karozzi (FIA) jew f'kampjonati oħra, f'taħriġ, provi, jew sessjonijiet liberi, anki bil-għan li jikseb it-tiġdid tas-Super Liċenzja tiegħu, it-tielet, jidħol fit-territorju tal-Unjoni sabiex jgħaddi mill-eżamijiet mediċi imposti mill-FIA jew mit-tim tat-tlielaq tiegħu, ir-raba', jidħol fit-territorju tal-Unjoni sabiex jieħu sehem f'attivitajiet ta' tlielaq, sponsorizzazzjoni u promozzjonali fuq talba tat-tim tat-tlielaq tiegħu jew tal-isponsors tiegħu, il-ħames, jiftaħ kont bankarju li fih jistgħu jitħallsu lilu salarju, bonuses, benefiċċji tat-tim tat-tlielaq tiegħu u kontribuzzjonijiet finanzjarji minn sponsors aċċettati mit-tim tiegħu u, is-sitt, juża l-kont bankarju u karta ta' kreditu biss sabiex ikopri l-ispejjeż li jippermettu lil sewwieq professjonali jivvjaġġa fit-territorju tal-Unjoni, jinnegozja u jikkonkludi ftehimiet ma' tim tat-tlielaq jew ma' sponsors u jipparteċipa f'kampjonati, Grand Prix, tlielaq, taħriġ, provi jew sessjonijiet liberi fl-Istati Membri tal-Unjoni.

F'każ ta' reklutaġġ bħala sewwieq tal-Formula 1 jew bħala sewwieq għal kampjonati oħra tal-isport tal-karozzi li jseħħu wkoll jew biss fit-territorju tal-Unjoni, N. Mazepin għandu jobbliga ruħu li jtellaq taħt bandiera newtrali u li jiffirma l-impenn tas-sewwieqa mitlub mill-FIA għal dan il-għan.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2023 – VP vs Il-Parlament

(Kawża T-83/23)

(2023/C 155/78)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrent: VP (rappreżentant: M. Brzozowska, avukata)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla, fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE, id-Deċiżjoni tal-President tal-Parlament Ewropew Nru D 314619 tas-16 ta' Diċembru 2022 li tikkonstata fastidju psikoloġiku mwettaq mir-rikorrent fil-konfront ta' assistenta parlamentari akkreditata;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba;

2. It-tieni motiv huwa ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 12a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea;

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, kif ukoll nuqqas ta' dmir ta' diliġenza.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2023 – D'Agostino vs BĊE

(Kawża T-90/23)

(2023/C 155/79)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Aldo D'Agostino (Napoli, l-Italja) (rappreżentanti: M. De Siena, avukata)

Konvenut: Bank Ċentrali Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tistabbilixxi u tikkonstata r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), irrappreżentat mill-Presidenta Christine Lagarde:

a) peress li kkawża fir-rigward tat-titoli finanzjarji ta’ Aldo D’Agostino, bl-isem SI FTSE.COPERP, tnaqqis fil-valur ta’ EUR 841 809,34, b’telf ekwivalenti għal 99,47 % tal-valur totali tal-kapital investit, ekwivalenti għal EUR 846 198,90 peress li fit-12 ta’ Marzu 2020, Christine Lagarde, fil-kwalità ta’ Presidenta tal-BĊE, filwaqt li qalet il-frażi famuża “Aħna mhux qegħdin hawnhekk biex innaqsu l-firxiet, dan ma huwiex ir-rwol tal-BĊE”, kienet ikkawżat tnaqqis sinjifikattiv fil-valur tat-titoli fil-boroż kollha madwar id-dinja u telf ta’ 16,92 % fil-Borża ta’ Milano kkwantifikat f’perċentwali li qatt ma seħħ qabel fl-istorja tal-imsemmija istituzzjoni, u tal-boroż l-oħrajn madwar id-dinja, u fejn ikkomunikat permezz ta’ stqarrija għall-istampa, lid-dinja kollha, li l-BĊE ma kienx ser jibqa’ jappoġġa l-valur tat-titoli maħruġa minn pajjiżi f’diffikultà u, għalhekk, ikkomunikat il-bidla sħiħa fl-orjentazzjoni tal-politika monetarja adottata mill-BĊE taħt it-tmexxija tal-President preċedenti, li kien temm il-mandat tiegħu f’Novembru 2019;

b) peress li bl-imsemmi aġir, u bħala konsegwenza tal-fuq imsemmi tnaqqis sinjifikattiv tal-indiċi tal-Borża ta’ Milano, ikkawża tnaqqis fil-valur tal-assi tar-rikorrent;

c) peress li kkawża dannu materjali, ta’ EUR 841 809,34 *damnum emergens* u EUR 998 683,90, *lucrum cessans*;

d) peress li kkawża dannu materjali totali ekwivalenti għal EUR 1 840 493,24;

e) peress li kkawża danni morali bit-tbatija psikoloġika tiegħu stess u tal-familja tiegħu, ikkawżati minn dannu tal-unur, reputazzjoni, identità personali u professjonali tiegħu kkwantifikati fis-somma ta’ EUR 1 000 000;

f) peress li kkawża danni mġarrba minħabba telf ta’ opportunità.

— tikkundanna lill-BĊE, irrappreżentat mill-President *pro tempore*, għall-kumpens tad-danni materjali, li jinkludu d-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans*, tad-danni mhux materjali u tad-danni mġarrba minħabba telf ta’ opportunità lil Aldo D’Agostino, evalwati abbażi tal-kriterji indikati fil-kapitoli u paragrafi rispettivi ta’ dan ir-rikors, permezz tal-pagament tal-ammonti ekwivalenti:

  — EUR 1 840 493,24, […], bħala danni materjali;

  — EUR 1 000 000, […], bħala danni morali;

  — u, għaldaqstant, għall-pagament tas-somma totali ta’ EUR 2 840 493,24, […];

  — għall-pagament ta’ kwalunwe somma li l-Qorti Ġenerali tiddetermina u tordna, abbażi ta’ ekwità, għad-danni mġarrba minħabba telf ta’ opportunità;

  — għall-pagament tal-interessi moratorji li għandhom jiġu kkalkolati mit-12 ta’ Marzu 2020, id-data li fiha seħħ l-avveniment dannuż, sar-rimbors effettiv.

— Sussidjarjament, tirrimborsa lir-rikorrent, permezz tal-kundanna tal-BĊE, irrappreżentat mill-President *pro tempore*, għall-pagament tat-tipi ta’ danni imsemmija iktar ’il fuq, kif ukoll ta’ kwalunkwe somma oħra li tirriżulta mill-proċedura ġudizzjarja, sal-ammont li jitqies xieraq, anki permezz ta’ rapport ta’ espert ordnat mill-Qorti Ġenerali, fis-sens tal-Artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

— għall-pagament tal-interessi moratorji miżjuda fuq dawn l-ammonti li għandhom jiġu kkalkolati mit-12 ta’ Marzu 2020, id-data li fiha seħħ l-avveniment dannuż, sar-rimbors effettiv.

— tikkundanna lill-konvenut għar-rimbors tal-ispejjeż legali.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ir-responsabbiltà tal-BĊE skont it-tielet paragrafu tal-ex Artikolu 340 TFUE u tal-Artikolu 2043 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, għad-danni materjali u morali mġarrba mir-rikorrent.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mis-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 2021, Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni, C-650/19 P, tad-9 ta' Frar 2022, QI *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE, T-868/16, u tal-21 ta' Jannar 2014, Klein vs Il-Kummissjoni, T-309/10.

   Dawn jindikaw il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu ssodisfatti sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali ta' istituzzjoni Ewropea fir-rigward ta' ċittadin tal-Unjoni u l-verifika pożittiva tal-eżistenza tal-imsemmija kundizzjonijiet hija invokata.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tad-dritt primarju u sekondarju tal-Unjoni u l-abbuż ta' poter tal-President.

   Huwa invokat il-ksur imwettaq fit-12 ta' Marzu 2020 mill-BĊE, irrappreżentat mill-President tiegħu, tal-Artikolu 127 TFUE, Kapitolu 1, intitolat "Politika Monetarja", tal-Artikoli 3, 10, 11, 12, 13, 38 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, kif ukoll tal-punti 17.2 u 17.3 tal-Artikolu 17 tar-Regolament adottat permezz tad-Deċiżjoni tal-BĊE tad-19 ta' Frar 2004 ([1]). Permezz tar-rapport tekniku anness, tintwera l-eżistenza tat-tliet kundizzjonijiet neċessarji sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-BĊE u l-assenza ta' ħtija kontributorja.

4. Ir-raba' motiv jikkwantifika, jindika r-raġunijiet u jiddokumenta d-danni materjali, morali u tat-telf ta' opportunità mġarrba mir-rikorrent.

([1]) Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew 2004/257/KE tad-19 ta' Frar 2004 li taddotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2004/2) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 5, p. 46), kif emendata bid-Deċiżjoni BĊE/2014/1 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2014 (ĠU 2014, L 95, p. 56).

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Frar 2023 – Stan vs L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

(Kawża T-103/23)

(2023/C 155/80)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Partijiet

Rikorrent: Victor-Constantin Stan (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentant: A. Şandru, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla d-deċiżjoni tal-Awla Permanenti tad-9 ta' Diċembru 2022, fil-każ kriminali Nru 1.000026/2022, miġjub mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-Awla Permanenti" jew id-"deċiżjoni kkontestata") u d-dokumenti sussegwenti, bħala illegali u bla bażi, abbażi tal-argumenti mressqa f'dan ir-rikors u possibbilment tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet tar-Regoli Interni ta' Proċedura tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew huma inapplikabbli u jikkontradixxu r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka, essenzjalment, il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata tal-Awla Permanenti Nru 4 ngħatat bi ksur tal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta forma ta' kooperazzjoni msaħħa fir-rigward tat-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), li jimponi, fil-kompożizzjoni tal-Awla Permanenti, żewġ membri permanenti flimkien mal-President tagħha. Id-deċiżjoni kkontestata ngħatat minn Awla Permanenti komposta b'membru permanenti wieħed biss flimkien mal-President u mal-Prosekutur Ewropew superviżur li pparteċipa fit-teħid tad-deċiżjoni.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2023 – UY vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-108/23)

(2023/C 155/81)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: UY (rappreżentant: R. Holzeisen, avukata)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2022 i tawtorizza t-tqegħid fis-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal "Spikevax – elasomeran", prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem u li tħassar id-Deċiżjoni C(2021) 94(final) [1], inklużi l-emendi u l-addizzjonijiet ulterjuri, kif ukoll id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li ppreċedew u li wasslu għal din id-deċiżjoni;

— tannulla d-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem [2], fir-rigward tal-prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata – l-aħħar sentenza tal-punt 2.1 tal-Parti IV tal-Anness I;

— tannulla d-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/120/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fir-rigward ta' prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata [3], li l-anness tagħha jikkonċerna l-aħħar sentenza tal-punt 2.1 tal-Parti IV.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur manifest tal-Artikoli 8, 11, 26, 54, 58, 59, 86 *et seq*. u 101 *et seq*., u tal-Partijiet I, III u IV tal-Anness I tad-Direttiva 2001/83, tal-Artikoli 3 sa 7, 10a, 12 u 14a tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 [4], kif ukoll tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġenoma tal-Bniedem u d-Drittijiet tal-Bniedem, li jirriżulta mill-evitar tal-istandards ta' verifika ogħla previsti għall-prodotti mediċinali bbażati fuq il-ġeni.

   — Id-dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni previsti fir-rigward ta' prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata ma ġewx applikati minkejja li s-sustanzi kkonċernati, iddikjarati bħala tilqim kontra mard infettiv, kienu fil-verità jimplikaw terapija tal-ġeni.

   — Fi kwalunkwe każ, ma ġiex involut, fil-proċedura ta' approvazzjoni, il-Kumitat tal-EMA li jittratta speċifikament it-terapija avvanzata minkejja li l-involviment tiegħu kien neċessarju sempliċement minħabba l-istruttura ġenetika u l-metodu ta' azzjoni tas-sustanza, irrispettivament mill-klassifikazzjoni bħala terapija tal-ġeni.

   — Fi kwalunkwe każ, ir-rekwiżiti dwar l-approvazzjoni previsti fir-rigward ta' tilqim ibbażat fuq inġinerija ġenetika ma kinux osservati.

2. It-tieni motiv: ksur manifest tal-Artikoli 8, 11, 26, 54, 58, 59, 86 *et seq*. u 101 *et seq*. u tal-Partijiet I, III u IV tal-Anness I tad-Direttiva 2001/83, tal-Artikoli 3 sa 7, 10a, 12, 14, 14a, 20, 20a, 25a, 57, 81 u 84a tar-Regolament Nru 726/2004 u tal-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 507/2006 [5].

   Il-Kummissjoni Ewropea, fuq rakkomandazzjoni mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) fi ħdan l-EMA, bidlet l-approvazzjoni ta' Spikevax (Moderna), li inizjalment kienet approvazzjoni kundizzjonali biss, f'approvazzjoni li ma baqgħetx kundizzjonali jew f'approvazzjoni mingħajr kundizzjonijiet speċifiċi, u dan minkejja li ma twettqux l-iktar studji fundamentali.

3. It-tielet motiv: ksur tar-Regolament (UE) Nru 536/2014 [6].

   Mill-2021 lil hawn, il-popolazzjoni kollha tal-Unjoni Ewropea kienet suġġetta għal esperiment farmakoloġiku illegali li jinvolvi l-inġinerija ġenetika u li huwa ta' natura kriminali.

4. Ir-raba’ motiv: id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni kkontestata hija nulla minħabba abbuż ta’ poter u ksur tar-Regolament (KE) Nru 507/2006.

5. Il-ħames motiv: id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni kkontestata hija nulla minħabba ksur manifest tal-Artikoli 168 u 169 TFUE kif ukoll tal-Artikoli 3, 35 u 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(1) C(2022)7163 (final).
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69.
(3) ĠU 2009, L 242, p. 3.
(4) Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 229).
(5) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 507/2006 tad-29 ta’ Marzu 2006 dwar l-awtorizzazzjoni kondizzjonali għat-tqegħid fis-suq ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li jagħmlu parti mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2006, L 92, p. 6).
(6) Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE (ĠU 2014, L 158, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2015, L 53, p. 31, fil-ĠU 2016, L 311, p. 25, u fil-ĠU 2022, L 35, p. 25).

Rikors ippreżentat fit-23 ta’ Frar 2023 – UY vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-109/23)

(2023/C 155/82)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: UY (rappreżentant: R. Holzeisen, avukata)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta’ Ottubru 2022 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal “Comirnaty – tozinameran, Vaċċin tal-mRNA tal-COVID19 (b’nucleoside modifikat)”, prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem u li tħassar id-Deċiżjoni C (2020) 9598(final) (1), inklużi l-emendi u l-addizzjonijiet ulterjuri, kif ukoll id-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni li ppreċedew u li wasslu għal din id-deċiżjoni;

— tannulla d-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x’jaqsam ma’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (2), fir-rigward tal-prodotti mediċinali ta’ terapija avvanzata – l-aħħar sentenza tal-punt 2.1 tal-Parti IV tal-Anness I;

— tannulla d-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/120/KE tal-14 ta’ Settembru 2009 li temenda d-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x’jaqsam ma’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fir-rigward ta’ prodotti mediċinali ta’ terapija avvanzata (3), li l-anness tagħha jikkonċerna l-aħħar sentenza tal-punt 2.1 tal-Parti IV.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur manifest tal-Artikoli 8, 11, 26, 54, 58, 59, 86 *et seq.* u 101 *et seq.*, u tal-Partijiet I, III u IV tal-Anness I tad-Direttiva 2001/83, tal-Artikoli 3 sa 7, 10a, 12 u 14a tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 (4), kif ukoll tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġenoma tal-Bniedem u d-Drittijiet tal-Bniedem, li jirriżulta mill-evitar tal-istandards ta’ verifika ogħla previsti għall-prodotti mediċinali bbażati fuq il-ġeni.

   — Id-dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni previsti fir-rigward ta’ prodotti mediċinali ta’ terapija avvanzata ma ġewx applikati minkejja li s-sustanzi kkonċernati, iddikjarati bħala tilqim kontra mard infettiv, kienu fil-verità jimplikaw terapija tal-ġeni.

— Fi kwalunkwe każ, ma ġiex involut, fil-proċedura ta' approvazzjoni, il-Kumitat tal-EMA li jittratta speċifikament it-terapija avvanzata minkejja li l-involviment tiegħu kien neċessarju sempliċement minħabba l-istruttura ġenetika u l-metodu ta' azzjoni tas-sustanza, irrispettivament mill-klassifikazzjoni bħala terapija tal-ġeni.

— Fi kwalunkwe każ, ir-rekwiżiti dwar l-approvazzjoni previsti fir-rigward ta' tilqim ibbażat fuq inġinerija ġenetika ma kinux osservati.

2. It-tieni motiv: ksur manifest tal-Artikoli 8, 11, 26, 54, 58, 59, 86 *et seq*. u 101 *et seq*. u tal-Partijiet I, III u IV tal-Anness I tad-Direttiva 2001/83, tal-Artikoli 3 sa 7, 10a, 12, 14, 14a, 20, 20a, 25a, 57, 81 u 84a tar-Regolament Nru 726/2004 u tal-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 507/2006 [5].

   Il-Kummissjoni Ewropea, fuq rakkomandazzjoni mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) fi ħdan l-EMA, bidlet l-approvazzjoni ta' Comirnaty (BioNTech), li inizjalment kienet approvazzjoni kundizzjonali biss, f'approvazzjoni li ma baqgħetx kundizzjonali jew f'approvazzjoni mingħajr kundizzjonijiet speċifiċi, u dan minkejja li ma twettqux l-iktar studji fundamentali.

3. It-tielet motiv: ksur tar-Regolament (UE) Nru 536/2014 [6].

   Mill-2021 lil hawn, il-popolazzjoni kollha tal-Unjoni Ewropea kienet suġġetta għal esperiment farmakoloġiku illegali li jinvolvi l-inġinerija ġenetika u li huwa ta' natura kriminali.

4. Ir-raba' motiv: id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni kkontestata hija nulla minħabba abbuż ta' poter u ksur tar-Regolament (KE) Nru 507/2006.

5. Il-ħames motiv: id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni kkontestata hija nulla minħabba ksur manifest tal-Artikoli 168 u 169 TFUE kif ukoll tal-Artikoli 3, 35 u 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(1) C(2022)7342 (final).
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69.
(3) ĠU 2009, L 242, p. 3.
(4) Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 229).
(5) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 507/2006 tad-29 ta' Marzu 2006 dwar l-awtorizzazzjoni kondizzjonali għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li jaqgħmlu parti mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2006, L 92, p. 6).
(6) Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE (ĠU 2014, L 158, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2015, L 53, p. 31, fil-ĠU 2016, L 311, p. 25, u fil-ĠU 2022, L 35, p. 25).

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Marzu 2023 – Insider vs EUIPO – Alaj (in Insajderi)

(Kawża T-119/23)

(2023/C 155/83)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Insider LLC (Pristina, ir-Repubblika tal-Kosovo) (rappreżentant: M. Ketler, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Florim Alaj (Zug, l-Isvizzera)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark figurattivi tal-Unjoni Ewropea in Insajderi – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 255 587

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta’ Diċembru 2022 fil-Każ R 1152/2022-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali għall-finijiet ta’ proċedimenti.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tar-regoli proċedurali dwar il-proċedimenti quddiem il-EUIPO;

— Ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Rikors ippreżentat fit-3 ta’ Marzu 2023 – UZ vs Il-Kummissjoni u ECHA

(Kawża T-121/23)

(2023/C 155/84)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: UZ (rappreżentanti: H. Estreicher, A. Bartl u M. Escorneboueu, avukati)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (grow.f.1(2022)9602146) tal-21 ta’ Diċembru 2022, u r-rapport anness tal-ECHA, dwar iċ-ċaħda tat-talba ta’ Concawe, li qed taġixxi f’isem il-membri tagħha (inkluż ir-rikorrent), sabiex tikkunsidra mill-ġdid l-elenkar tas-sustanza fenantren bħala sustanza ta’ tħassib serju ħafna;

— tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni Ewropea wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni meta ma tatx lill-ECHA mandat sabiex tipprepara fajl għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-elenkar tal-fenantren fil-Lista ta’ Kandidati minkejja l-fatt li kemm in-natura tal-informazzjoni l-ġdida u r-rapport tal-ECHA indikaw li l-informazzjoni l-ġdida kienet rilevanti għall-evalwazzjoni mill-ġdid.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuti aġixxew *ultra vires* u/jew bi ksur tal-Artikolu 59 REACH billi wettqu evalwazzjoni ġdida tat-tneħħija tal-fenantren mil-lista, minflok ma llimitaw l-evalwazzjoni tagħhom għall-kwistjoni ta’ jekk l-informazzjoni l-ġdida hijiex affidabbli u rrilevanti għall-evalwazzjoni mill-ġdid.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2023 – Ege İhracatçıları Birliği *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-122/23)

(2023/C 155/85)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ege İhracatçıları Birliği (Konak, it-Turkija), Akdeniz İhracatçıları Birliği (Yenişehir, it-Turkija), İstanbul İhracatçıları Birliği (Yenibosna, it-Turkija), Doğu Karadeniz İhracatçıları Birliği (Ortahisar, it-Turkija), Denizli İhracatçıları Birliği (Pamukkale, it-Turkija), Abalıoğlu Balık ve Gıda Ürünleri AŞ (Honaz, it-Turkija), Bağcı Balık Gıda ve Enerji Üretimi Sanayi ve Ticaret AŞ (Köyceğiz, it-Turkija), Ertuğ Balık Üretim Tesisi Gıda ve Tarım İşletmeleri Sanayi ve Ticaret AŞ (Bornova, it-Turkija), Gümüşdoğa Su Ürünleri Üretim İhracat ve İthalat AŞ (Milas, it-Turkija), Kemal Balıkçılık İhracat Limited Şirketi (Sancaktepe, it-Turkija), Kılıç Deniz Ürünleri Üretimi İhracat ve İthalat AŞ (Bodrum, it-Turkija), Kuzuoğlu Su Ürünleri Sanayi ve Ticaret AŞ (Merkez, it-Turkija), Liman Entegre Balıkçılık Sanayi ve Ticaret Limited Şirketi (Maltepe, it-Turkija), More Su Ürünleri Ticaret AŞ (Bornova, it-Turkija), Ömer Yavuz Balıkçılık Su Ürünleri ve Ticaret Limited Şirketi (Merkez, it-Turkija), Özpekler İnşaat Taahhüt Dayanıklı Tüketim Malları Su Ürünleri Sanayi ve Ticaret Limited Şirketi (Merkezefendi, it-Turkija), Premier Kültür Balıkçılığı Yatırım ve Pazarlama AŞ (Maltepe, it-Turkija), Selina Balık İşleme Tesisi İthalat İhracat Ticaret AŞ (Seydikemer, it-Turkija), Uluturhan Balıkçılık Turizm Ticaret Limited Şirketi (Dinar, it-Turkija), Yavuzlar Otomotiv Balıkçılık Sanayi ve Ticaret Limited Şirketi (Pamukkale, it-Turkija) (rappreżentanti: G. Coppo u A. Scalini, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2390 tas-7 ta' Diċembru 2022 li jemenda d-dazju kompensatorju definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/823 wara rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat"), sa fejn jikkonċerna lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw seba' motivi.

1. L-ewwel motiv li jallega li r-Regolament ikkontestat jikser l-Artikoli 1(1), 3(2), 5 u 7 tar-Regolament Bażiku sa fejn il-Kummissjoni naqset milli twettaq evalwazzjoni tat-trasferiment tal-vantaġġi downstream fir-rigward tas-sussidju għal kull kilogramma ta' troti mixtrija.

2. It-tieni motiv li jallega li r-Regolament ikkontestat jikser l-Artikolu 22(6) tar-Regolament Bażiku sa fejn il-Kummissjoni applikat metodoloġija ġdida għad-determinazzjoni tas-sussidju għal kull kilogramma ta' troti mixtrija.

3. It-tielet motiv li jallega li r-Regolament ikkontestat jikser l-Artikoli 1(1), 3(2), 5 u 7 tar-Regolament Bażiku sa fejn il-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti fil-kalkolu tas-sussidju għal kull kilogramma ta' troti mixtrija.

4. Ir-raba' motiv li jallega li r-Regolament ikkontestat jikser l-Artikolu 22(6) tar-Regolament Bażiku sa fejn il-Kummissjoni inkludiet troti kbar fil-kalkolu tas-sussidju għal kull kilogramma ta' troti mixtrija.

5. Il-ħames motiv li jallega li r-Regolament ikkontestat jikser l-Artikoli 1(1), 3(2), 5 u 7 tar-Regolament Bażiku sa fejn il-Kummissjoni inkludiet troti kbar fil-kalkolu tas-sussidju għal kull kilogramma ta' troti mixtrija.

6. Is-sitt motiv li jallega li r-Regolament ikkontestat jikser l-Artikolu 3 tar-Regolament Bażiku sa fejn il-Kummissjoni kkonkludiet li ċertu self dipendenti fuq l-esportazzjoni li ngħata lil Gümüşdoğa minn banek privati għandu jiġi attribwit lill-Gvern tat-Turkija).

7. Is-seba’ motiv li jallega li r-Regolament ikkontestat jikser l-Artikoli 5, 7(2) u 7(4) tar-Regolament Bażiku sa fejn il-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti fil-kalkolu tal-marġni tas-sussidju ta’ Gümüşdoğa.

(1) ĠU 2022, L 316, p. 52.

Rikors ippreżentat fid-9 ta’ Marzu 2023 – VC vs EU-OSHA

(Kawża T-126/23)

(2023/C 155/86)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: VC (rappreżentanti: J. Rodríguez Cárcamo u S. Centeno Huerta, abogados)

Konvenut: Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— skont l-Artikolu 263 TFUE, tannulla kompletament id-Deċiżjoni 2023/01 tat-18 ta’ Jannar 2023 tad-Direttur Eżekuttiv *ad interim* tal-EU-OSHA, dwar l-esklużjoni mill-parteċipazzjoni fi proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti pubbliċi, fis-sussidji, fil-primjums, fl-għoti ta’ kuntratti u fl-istrumenti finanzjarji koperti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti koperti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta’ Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 [1];

— sussidjarjament, skont l-Artikolu 261 TFUE u l-Artikolu 143(9) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 [2] (iktar ’il quddiem ir-“Regolament finanzjarju”) tissostitwixxi l-miżura ta’ esklużjoni b’sanzjoni ekonomika u/jew tannulla l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-miżura ta’ pubblikazzjoni;

— tikkundanna lill-EU-OSHA għall-ispejjeż ta’ din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 106(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [3], kif emendat bir-Regolament 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 966/2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni [4] (iktar ’il quddiem ir-“Regolament finanzjarju applikabbli minn Jannar 2016”), moqri flimkien mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, protett mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mal-valur tal-Istat tad-dritt iddikjarat fl-Artikolu 19(1) TUE, mal-prinċipju ta’ kooperazzjoni leali, stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, u mal-Artikolu 325(1) TFUE. Ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni kkontestata ma osservatx id-deċiżjoni ta’ sospensjoni ta’ eżekuzzjoni li ġiet adottata mill-awtorità ġudizzjarja nazzjonali kompetenti.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 106(7)(a) tar-Regolament finanzjarju applikabbli minn Jannar 2016 (ekwivalenti għall-Artikolu 136(6)(a) tar-Regolament finanzjarju) u fuq żbalji ta’ evalwazzjoni serji. Ir-rikorrent isostni li l-uffiċjal awtorizzanti kompetenti, bħala konsegwenza tal-iżbalji ta’ evalwazzjoni serji, qies li l-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrent kienu insuffiċjenti sabiex il-miżura ta’ esklużjoni ma tiġix applikata.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-kontenut tal-Artikolu 106(3) u (7)(a) u (d) tar-Regolament finanzjarju applikabbli minn Jannar 2016, moqri flimkien mal-prinċipju ta’ proporzjonalità, peress li l-uffiċjal awtorizzanti kompetenti wettaq żbalji manifesti ta’ evalwazzjoni.

4. Ir-raba’ motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 140(1) tar-Regolament finanzjarju (ekwivalenti għall-Artikolu 106(16) tar-Regolament finanzjarju applikabbli minn Jannar 2016), tal-Artikolu 140(2)(b) tar-Regolament finanzjarju (ekwivalenti għall-Artikolu 106(17)(b) tar-Regolament finanzjarju applikabbli minn Jannar 2016) u tal-Artikolu 136 (3) tar-Regolament finanzjarju, għal nuqqas ta’ motivazzjoni fir-rigward tad-deċiżjoni ta’ pubblikazzjoni.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 106(13)(a) tar-Regolament finanzjarju applikabbli minn Jannar 2016. Ir-rikorrent isostni li l-uffiċjal awtorizzanti kompetenti ma evalwax l-applikazzjoni ta’ sanzjoni pekunjarja bħala alternattiva għad-deċiżjoni ta’ esklużjoni, b’tali mod li d-deċiżjoni għandha tiġi annullata għal nuqqas ta’ motivazzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali hija mitluba, fil-każ li tiddeċiedi li ma tannullax id-deċiżjoni kkontestata kompletament, li tissostitwixxi l-miżura ta’ esklużjoni b’sanzjoni li tkun raġonevoli fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, konformement mal-Artikolu 261 TFUE u mal-Artikolu 143(9) tar-Regolament finanzjarju.

(1) ĠU 2018, L 307, p. 1.
(2) ĠU 2018, L 193, p. 1.
(3) ĠU 2012, L 298, p. 1.
(4) ĠU 2015, L 286, p. 1.

Rikors ippreżentat fid-9 ta’ Marzu 2023 – eClear vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-127/23)

(2023/C 155/87)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: eClear AG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Thomas, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-rifjut impliċitu tal-4 ta’ Jannar 2023 tal-applikazzjoni tar-rikorrenti għal aċċess għal dokumenti tal-Kummissjoni tal-14 ta’ Settembru 2022 – Referenza GESTDEM Nru 2022/5489 – li permezz tagħha hija titlob aċċess għad-deċiżjonijiet dwar l-informazzjoni tariffarja vinkolanti sa mill-2004;

— tordna lill-konvenuta tbati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [1].

   — Id-deċiżjonijiet dwar l-informazzjoni tariffarja vinkolanti, li għalihom intalab aċċess, huma dokumenti fis-sens tar-Regolament Nru 1049/2001.

   — Fid-deċiżjoni tagħha dwar l-applikazzjoni inizjali, l-Kummissjoni ma qisitx li fil-passat id-deċiżjonijiet dwar l-informazzjoni tariffarja vinkolanti kienu jintbagħtulha stampati, li kollha kienu jaqgħu taħt il-kunċett ta’ dokumenti fir-Regolament Nru 1049/2001.

— Il-Kummissjoni tassumi b'mod żbaljat li d-deċiżjonijiet invalidi dwar l-informazzjoni tariffarja vinkolanti, li ma humiex iktar aċċessibbli online mill-pubbliku, ma humiex dokumenti fis-sens tar-Regolament Nru 1049/2001. Id-database bid-deċiżjonijiet dwar l-informazzjoni tariffarja vinkolanti hija, kollha kemm hi, dokument li jista' jsir aċċessibbli għar-rikorrent.

— Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, anki d-deċiżjonijiet individwali dwar l-informazzjoni tariffarja vinkolanti huma dokumenti, fis-sens tar-Regolament Nru 1049/2001, għaliex il-membri tal-persunal tal-Unjoni jistgħu jaċċedu għalihom permezz tal-għodod disponibbli għalihom.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

— Jekk l-istruttura tad-database bid-deċiżjonijiet dwar l-informazzjoni tariffarja vinkolanti twassal sabiex id-deċiżjonijiet invalidi ma jaqgħux iktar taħt il-kunċett ta' dokumenti fis-sens tar-Regolament Nru 1049/2001, dan ikun jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuqha.

— Deċiżjonijiet validi dwar l-informazzjoni tariffarja vinkolanti, li huma disponibbli fid-database, huma bla dubju dokumenti fis-sens tar-Regolament Nru 1049/2001.

— Jekk l-imġiba attwali – f'dan il-każ l-ipprogrammar ta' database – ta' istituzzjoni tal-Unjoni twassal sabiex ċerti dokumenti jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001, dan ikun indħil fid-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjoni. Dan l-indħil irid jitqies fir-rigward tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

— F'dan il-każ, ma jidher li hemm ebda bażi legali li tippermetti lill-Kummissjoni tneħħi lid-deċiżjonijiet dwar l-informazzjoni tariffarja vinkolanti, wara li tintemm il-validità tagħhom, mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

— Barra minn hekk, ma jidhirx liema huma l-interessi pubbliċi jew privati fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15 (3) TFEU li jiġu segwiti permezz tal-indħil fl-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2023 – Meta Platforms Ireland vs Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

(Kawża T-128/23)

(2023/C 155/88)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Meta Platforms Ireland Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: H.-G. Kamann, F. Louis, M. Braun u A. Vallery, avukati, P. Nolan, B. Johnston, C. Monaghan u D. Breatnach, Solicitors, D. McGrath, E. Egan McGrath u H. Godfrey, Barristers)

Konvenut: Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni Vinkolanti 4/2022 dwar it-tilwima mibdija mill-Irish SA kontra Meta Platforms Ireland Limited u s-servizz Instagram tagħha (Artikolu 65 tal-GDPR) adottata fil-5 ta' Diċembru 2022 fl-intier tagħha jew, sussidjarjament, fil-partijiet rilevanti tagħha; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-EDPB mar lil hinn mill-kompetenza tiegħu taħt l-Artikolu 65 GDPR.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq li l-EDPB kiser l-Artikolu 6(1)(f) GDPR billi interpreta l-kunċett ta' neċessità kuntrattwali b'mod strett ħafna u billi applika dan l-istandard legali b'mod żbaljat abbażi ta' interpretazzjoni żbaljata tal-Kundizzjonijiet tal-Użu ta' Meta Ireland.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq li l-EDPB kiser id-dritt għal amministrazzjoni tajba kif sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-EDPB naqas milli jaġixxi bħala korp imparzjali.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq li l-EDPB kiser l-Artikolu 83 GDPR u diversi prinċipji sottostanti li jirregolaw id-determinazzjoni ta' multi taħt il-GDPR.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2023 – Meta Platforms Ireland vs Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

(Kawża T-129/23)

(2023/C 155/89)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Meta Platforms Ireland Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: H. Kamann, F. Louis, M. Braun u A. Vallery, avukati, P. Nolan, B. Johnston, C. Monaghan u D. Breatnach, Solicitors, D. McGrath, E. Egan McGrath u H. Godfrey, Barristers)

Konvenut: Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni Vinkolanti 3/2022 dwar it-tilwima mibdija mill-Irish SA kontra Meta Platforms Ireland Limited u s-servizz Facebook tagħha (Artikolu 65 tal-GDPR) adottata fil-5 ta' Diċembru 2022 fl-intier tagħha jew, sussidjarjament, fil-partijiet rilevanti tagħha; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-EDPB mar lil hinn mill-kompetenza tiegħu taħt l-Artikolu 65 GDPR.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq li l-EDPB kiser l-Artikolu 6(1)(f) GDPR billi interpreta l-kunċett ta' neċessità kuntrattwali b'mod strett ħafna u billi applika dan l-istandard legali b'mod żbaljat abbażi ta' interpretazzjoni żbaljata tal-Kundizzjonijiet tal-Użu ta' Meta Ireland.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq li l-EDPB kiser id-dritt għal amministrazzjoni tajba kif sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-EDPB naqas milli jaġixxi bħala korp imparzjali.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq li l-EDPB kiser l-Artikolu 83 GDPR u diversi prinċipji sottostanti li jirregolaw id-determinazzjoni ta' multi taħt il-GDPR.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2023 – Nike Innovate vs EUIPO – Puma (FOOTWARE)

(Kawża T-130/23)

(2023/C 155/90)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Nike Innovate CV (Beaverton, Oregon, l-Istati Uniti) (rappreżentant: J.-C. Rebling, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Puma SE (Herzogenaurach, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea FOOTWARE –Trade mark tal-Unjoni Nru 18 035 847

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Jannar 2023 fil-Każ R 2173/2021-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO li żżomm ir-reġistrazzjoni kollha kemm hija;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

— Il-Bord tal-Appell kiser u applika b'mod żbaljat l-Artikolu 59(1)(a) flimkien mal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi interpreta b'mod żbaljat in-natura ta' karatteristika li tista' tikser din id-dispożizzjoni;

— Il-Bord tal-Appell kiser u applika b'mod żbaljat l-Artikolu 59(1)(a) flimkien mal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi ma kkunsidrax il-differenti modi kif it-trade mark tista' tkun ippercepita fir-rigward tal-portata wiesa' ta' prodotti u servizzi individwali koperti mir-reġistrazzjoni;

— Il-Bord tal-Appell kiser u applika b'mod żbaljat l-Artikolu 59(1)(a) flimkien mal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi ma kkunsidratx kif suppost kif it-trade mark tista' tkun ippercepita fir-rigward tal-prodotti minn gruppi ta' konsumaturi differenti b'għarfien differenti tal-lingwa Ingliża u kif dak il-fehim lingwistiku jkollu impatt fuq il-perċezzjoni tagħhom tat-trade mark;

— Il-Bord tal-Appell applika b'mod żbaljat l-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u kiser l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;

— Il-Bord tal-Appell kiser l-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2023 – Aitana vs EUIPO

(Kawża T-355/22) ([1])

(2023/C 155/91)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Il-President tad-Disa' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 303, 8.8.2022.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT